


HAL BALZAN

"Hortibus Undique Septa" - Imdawwar bil-Gonna minn Kullimkien

IL-HAMES SENA NRU. 30 | LEHEN IL-KUNSILL ĊIVIKU | LULJU/AWWISSU 1976

HARGA SPECJALI TAL-FESTA TA' MARIJA ANNUNZJATA 1976

Editorjal


IL-FESTA T-TAJBA

Għal sena oħra reġgħet waslet il-festa ta' l-Annunzjata, li għalina l-Balzanin hija l-iktar festa għażiża li niċċelebraw fost il-festi kollha ta' matul is-sena. U dana bir-raġun kollu, għax misserijietna għażlu dan it-titlu sabiħ bħala t-titular tal-Parroċċa tagħna, u aħna ninsabu kburin b'dan. Raġuni oħra hija li l-Madonna dejjem waqfet magħna f'kull bżonn tagħna u dejjem daħlet għalina għax hija l-Omm tagħna, u għalhekk tabilħaqq jistħoqqilha li niċċelebrawlha festa kbira.

Il-festa dejjem kienet għażiża għalina l-Balzanin. Nibdew inhejju għaliha sa minn xhur qabel, sakemm fl-aħħar ġimgħat, imbagħad, l-attività fir-raħal toktor u tiżdied: kulħadd jarma u jmidd idejh mill-aħjar li jista' ħalli nagħtu bixra ta' festa lir-raħal tagħna. Il-każini nkarigati mill-festi esterni tarahom jimtlew b'irġiel u żgħażagħ kollhom ħeġġa sabiex jaħdmu u jagħtu s-sehem tagħhom għas-suċċess tal-festa. Huwa ta' ferħ u ta' inkuraġġiment għalina meta naraw iż-żgħażagħ Balzanin iħabirku għall-festa tar-raħal, għax it-tfal u ż-żgħażagħ tal-lum huma l-irġiel ta' għada, u għalhekk il-festa fil-ġejjieni tkun tiddependi minnhom.

Biss min hu tabilħaqq dilettant u jħobb 'il raħal twelidu bil-qalb ma jistenniex biss il-festa biex jesprimi din l-imħabba. Aħna rridu naraw li nġibu 'l quddiem u nżommu għoli l-isem ta' Ħal Balzan matul is-sena kollha. Dan nagħmluh billi nieħdu sehem sħiħ fl-attivitajiet li jiġu organizzati fir-raħal matul is-sena. F'Ħal Balzan għandna diversi għaqdiet li fihom kulħadd — irġiel u nisa, żgħażagħ u tfal — jista' jiżviluppa t-talenti tiegħu. Hija ħaġa sabiħa li lkoll kemm aħna naħdmu flimkien u nieħdu sehem attiv f'dak kollu li jsir fil-Parroċċa. B'hekk fi spirtu ta' mħabba u għaqda naħdmu id f'id ħalli nkunu ħallejna 'l Ħal Balzan ftit aħjar milli sibnieh.

Jalla l-festa ta' Marija Annunzjata tgħaqqadna lkoll għalenija u timliena b'aktar ħeġġa u mħabba lejn ir-raħal maħbub tagħna ta' Ħal Balzan.



Waħda mill-opri artistiċi li jżejnu l-Knisja Parrokkjali tagħna fil-jiem tal-festa hija t-Tużell. Dan it-tużell, li jintrama biss għall-festa titulari, inħadem Ħal Balzan fl-1877. Fih ħafna xogħol irqiq ta' skultura fl-injam. Għal aktar tagħrif, ara Paġna 5.

IL-PITTURA

Aħbar sabiħa li żgur se timla bil-ferħ lill-Balzanin kollha hija li l-Pittura tal-Kappellun tar-Rużarju nbdiet, u l-koppletta, jiġifieri l-parti t-tonda taċ-ċentru, diġa' lesta u parti minnha tinsab f'postha u nittamaw li nkunu nistgħu narawha fil-jiem tal-festa.

Ħajr lil kull min ħadem ħalli x-xogħol jinbeda.

IL-BORD EDITORJALI

PROGRAMM TAL-FESTI SOLENNI F'ĠIEH MARIJA ANNUNZJATA

Il-Ħadd, 4 ta' Lulju:
8.15 p.m. Ħruġ ta' l-istatwa min-niċċa.
8.30 p.m. Programm mill-Banda 'San Gabriel', u wara logħob tan-nar.

L-Erbgħa, il-Ħamis, u l-Ġimgħa, 7, 8, u 9 ta' Lulju:
6.00 p.m. Għasar bil-vuċijiet.

6.30 p.m. Quddiesa bil-kant u bil-priedka tat-Tridu. Kurunella, Innu, Litanija, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

Il-Ġimgħa, 9 ta' Lulju:
Il-Baned 'San Gabriel' tal-Parroċċa u '12th May' ta' Ħaż-Żebbuġ iferrħu l-Parroċċa bil-marċi tagħhom. Wara logħob tan-nar mid-dilettanti Balzanin.

Is-Sibt, 10 ta' Lulju:
7.15 a.m. Quddiesa bil-mużika. Te Deum tat-Tridu u Antifona.

9.00 a.m. Quddiesa bil-kant għall-morda tal-Parroċċa.

5.30 p.m. Quddiesa bil-kant, Omelija u Tqarbin, li tista' tgħodd għall-preċett tal-Ħadd.

7.30 p.m. Traslazzjoni tar-Relikwija tal-Madonna, Għasar u Kompieta. Ċelebrazzjoni Ewkaristika mill-Eċċ. Tiegħu Rev.ma Mons. M. Gonzi, Arċisqof ta' Malta.

8.30 p.m. Marċi u Programmi mill-Baned 'San Gabriel' u 'Santa Katerina' taż-Żurrieq.

10.30 p.m. Murtali tal-kulur u logħob tan-nar mid-dilettanti Balzanin.

Il-Ħadd, 11 ta' Lulju:
8.45 a.m. Kant ta' Terza u Quddiesa Konċelebrata bil-mużika. Wara l-Evanġelju, Omelija fuq l-Annunzjazzjoni.

● għal paġna 2



L-isbaħ waqtiet tal-festa — l-istatwa għażiża tal-Lunzjata, merfugħa fuq l-ispallejn felħana ta' rġiel Balzanin, tbierek ir-raħal kwiet u arjuż ta' Ħal Balzan. Fir-ritratt, li ttieħed snin ilu, jidhru wċuh ta' Balzanin li llum m'għadhomx magħna.

"HAL BALZAN"

toħroġ kull xahrejn mill-

KUNSILL ĊIVIKU — BALZAN

c/o Każin tal-Banda
'San Gabriel'
Ħal Balzan.

Stampata fil-
Lux Press
Ħamrun.

XI TFISSER IL-FESTA GĦALIJA?

IL-FESTA WASLET. Meta din il-Ħarġa Speċjali tkun f'idejkom, it-tħejjijiet għall-festa jkunu fl-aqwa tagħhom, u nistgħu ngħidu tabilħaqq li l-festa tkun magħna. Ħafna minna jkunu ilhom jistennewha sena sħiħa. Xi whud, ftit fil-għadd, ikunu ilhom sena sħiħa mhux biss jistennewha, imma jaħdmu għaliha, jaħsbu fiha, biex igħinu ħalli jkollna festa tassew kbira, bħal snin oħra; mhux anqas, anzi jekk jista' jkun akbar minn tas-soltu. Oħrajn (u dawn mhumiex ftit) l-anqas ħsieb li jkollhom tal-festa matul is-sena. Imma mbagħad meta tasal, ħafna minn dawn jidħlu fl-ispirtu tagħha u jagħmlu sehemhom biex igawduha ma' l-oħrajn li semmejna aktar 'il fuq.

Jiena nixtieq nistieden lil kulħadd, minn dawk li jaħdmu għall-festa s-sena kollha, sa dawk li għalihom il-festa tikkonsisti biss fl-aħħar erbat ijiem, biex jifhem il-vera tifsira tal-festa.

L-ewwel skop tal-festi huwa li nagħtu glorja lil Alla billi nfaħħruh fil-Madonna, fil-qaddisin u fl-anġli tiegħu. Imbagħad għandna wkoll nitgħallmu kif il-Madonna u l-qaddisin għogbu lil Alla matul ħajjithom, u hekk nitħajru nagħmlu bħalhom aħna wkoll. Jidhirli li l-festa għandha tkun għalina wkoll okkażjoni biex, bis-sehem tagħna fil-funzjonijiet tal-Knisja u l-aktar bil-quddiesa u t-tqarbina tagħna, f'dawk il-ġranet nistqarru aktar it-twemmin tagħna u r-rabta tagħna ma' Alla. ...

Wara li nkunu fhimna li dan li għadna kemm għidna huwa l-aktar importanti fil-festa u li mingħajru l-festa ma hija festa xejn, ħalli mbagħad nieħdu sehem ukoll fl-aspett folkloristiku, soċjali, tal-festa. U b'dan irrid nifhem il-festi msejħin 'ta barra' (baned, marċi, nar, stedin lill-qraba u ħbieb li joqogħdu barra mill-Parroċċa, tiżjin tat-toroq u ta' djarna, u l-bqija). Dawn kollha jgħinuna biex inkunu 'tal-festa', imma ma humiex l-essenzjal. Hemm bżonn li nagħtu l-ewwel importanza lil dawk il-ħwejjeġ li huma tassew importanti, imbagħad il-ħwejjeġ l-oħrajn inqegħduhom f'posthom, fejn imisshom ikunu. "Fittxu l-ewwel is-saltna ta' Alla u s-sewwa tagħha, u l-ħwejjeġ l-oħra jingħatawlkom ukoll" — kliem ta' l-imgħallem tagħna Ġesù.

Nixtieq minn qiegħ qalbi l-FESTA T-TAJBA lil KULĦADD.

DUN KARM SCIBERRAS
KAPPILLAN.

● minn paġna 1

9.30 a.m. Marċ mill-Banda 'San Gabriel'.

5.30 p.m. Marċi u Programmi mill-Baned 'King's Own' tal-Belt u 'Konti Ruġġieru' tar-Rabat.

6.30 p.m. Għasar bil-mużika. Kompieta korali.

7.30 p.m. Purċissjoni bl-istatwa ta' Marija Annunzjata u r-relikwija tal-Madonna. Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
Matul il-purċissjoni u wara, murtali tal-kulur u kaxxi nfernali mid-dilettanti Balzanin.

10.00 p.m. Marċ ta' egħluq il-festa mill-Banda 'San Gabriel'.

VERBUM CARO FACTUM EST

— L-AKBAR JUM F'ĦAJJET MARIJA —

minn Rafel Bonnici Cali'

Wasal kien il-jum wisq hieni — Wasal fl-aħħar dak il-ħin,
Li għalih il-bnedmin kollha — Bil-wisq kienu mixteqin.
Kif inkiteb sa mill-qedem — Kif għarrafna Iżaija,
Is-sinjal tal-ħelsien wasal — Din kienet Xebba Lhudija.
Dik li kellha twelled Iben — Tibqa' xebba fl-istess żmien,
Ġrajja li bilkemm titwemmem — Imma seħħet, u hekk kien.
Għaliex Alla hejja kollox — Meta ħalaq ruħ Marija,
Għaliex Huwa jista' kollox — Ħeles ruħha minn kull ħtija.

Kif kien xieraq Alla żejjen — Lil Marija bi kbir ġmiel,
Kif qalilha fit-taħbira — Ġewwa Nażaret, Gabrijiel.
"F'Isem Alla ġejt ingħarrfek — Sliem għalik, xbejba Marija,
Mill-Mulej inti magħżula — U bil-grazzja ġejt mogħnija.
Fost in-nisa ġejt imbierka — Alla kabbrek, qiegħed miegħek,
Sejra ssir Omm il-Messija — Frott imqaddes tal-ġuf tiegħek."
Kien kliem tqil għax-xebba umli — Mhux ta' b'xejn tħawdet Marija!
"Jekk jien qatt ma għaraft raġel — Kif dan jista' jseħħ ġo fija?"

"Xejn ma għandek għalfejn tibża' — Li jrid Alla jista' jsir,
Huwa jrid li Inti twelled — Tibqa' xebba fl-istess ħin.
Ħares lejn Eliżabetta — Sejra twelled fix-xjuħija.
Hekk ukoll int waħdek twelled — Lilek igħin Ruħ il-Qdusija."
Issa fehmet sew kliem l-Anġlu — U għalhekk rasha baxxiet.
"Iva," wieġbet, "Jien qaddejja — Tal-Mulej, Sid tas-smewwiet."
Dak il-ħin sar il-miraklu — Għaġeb ta' l-egħġubijiet!
L-Iben t'Alla niżel fostna — Biex jeħlisna mill-ħtijiet.

Twieled f'Betlem, għex fil-faqar — Ħadem, bata, għallem, miet.
Dana kollu ġarrbet Ommu — Miegħu ferħet u batiet.
Ulied Alla Hu għamilna — Tana wkoll 'l Ommu Marija.
Biex tkun Hija ukoll Ommna — Bis-setgħat kollha mogħnija.
Kif qaltilna Hija nfisha — Lilha Alla bil-wisq għolla,
U sa kemm tintemm id-dinja — Tifħir taqla' mill-ġnus kollha.
Mela ħalli nżanżnu innu — B'leħen wieħed inkantawh,
L-għaġeb ta' l-Inkarnazzjoni — Għarkubbtejna nadurawh.

Min qatt jista' jibqa' sieket — F'jum bħal dan ta' ferħ hekk kbir,
Li fih ġejna lkoll kemm aħna — Meħlusin minn kull tkasbir?
Ħalli nilbsu l-libsa ġdida — U inżejnu tagħna d-dar,
Ħalli nagħmlu festa kbira — Sal-bandieri fil-kampnar.
Ħalli ndoqqu l-qniepen kollha — Ħa nifirħu u nkantaw,
Ħa nixegħlu, ħalli nċapċpu — Saħansitra nisparaw!
U irridu fil-ġejjieni — Mal-qanpiena, f'nofs in-nhar,
Kemm fis-sbieħ u fil-għaxija — Ma' l-Anġlu ntennu l-Aħbar.

It-tislima intennulha — "Ave" lilek, O Marija,
Għarkubbtejna, rasna baxxa — Nagħtu 'l Alla l-akbar qima.
Għaliex f'jum l-Inkarnazzjoni — Hekk isir minn kull qassis
Meta jsemmi dal-misterju — Għall-Insara wisq għażiż.
Il-misterji l-oħra kollha — Li tagħhom nagħmlu tifkira,
Il-Knisja kollha rabtithom — Ma' dina il-ġrajja kbira.
U fuq dan il-għorrief tawna — Minn tagħhom l-isbaħ kitbiet,
U għalhekk l-artisti tħajru — Jagħtuna għadd ta' ħidmiet.

Li biex aħjar ifehmuna — Ħolqu eluf ta' xbihat
Maħżużin bi lwien mill-isbaħ — Minquxin tajjeb fil-blat,
Illi sibna sa ġo Ruma — Li jingħaddu bil-mijiet,
Xogħol idejn l-ewwel Insara — Fost il-ħafna qdumijiet.
U meta mad-dinja kollha — Fi żmien wisq aktar qrib lejna,
Bi xbihat ġodda mill-isbaħ — Il-knejjes tagħna imlejna.
Għaliex huma ta' għajnuna — Ħalli jifhmu wisq aħjar
Il-bnedmin li jħobbu s-sewwa — Kemm iż-żgħar u kemm il-kbar.

Ukoll hawn fil-gżira tagħna — Knejjes bnejna l-aktar sbieħ,
Bl-isem ħelu ta' Marija — Żejjinna tassew bis-sħiħ.
O Marija, daqshekk stajna — Aħjar mn'hekk żgur ma stajniex,
Biex nuruk l-imħabba tagħna — Ħila aktar ma għandniex.
Fl-aħħarnett, ja Omm ħanina — Taf kemm aħna imsejknin,
Għalhekk itlob 'l Alla għalina — Sabiex igħoddna mat-tajbin.


Ħal Tarxien. 25 ta' Marzu 1976.

BORG CARDONA & CO. LTD.

TRIQ DR. ZAMMIT, BALZAN
Te'ephone: 42698

26, LIGHTERS WHARF, MARSA
Telephone: 75/6760

JEKK INTI GĦAQLI TAF LI MINGĦAJR BEXX, IS-SIĠAR U L-PJANTI MA JMORRUX 'IL QUDDIEM.
BIEX TBIXX TRID IL-POMPI TAL-BEXX TAL-MARKA ASL



Il-pompi tal-bexx tal-ASL huma ħfief biex iġġorrhom u f'saħħithom għaliex magħmula minn materjal oħxon.

Aġenti waħdanin:
BORG CARDONA & CO. LTD



SYNCHEMICALS

Mingħajr l-insettiċidi taf li s-

SIĠAR U PJANTI

ma jistgħux jikbru f'saħħithom.

Illum issib ħafna kwalitajiet ta' insettiċidi, iżda għaliex ma tiksibx l-aħjar bi prezzijiet moderati mingħand l-Aġenti:

BORG CARDONA & CO. LTD.

IL-KNISJA PARROKKJALI (18)

IL-KAMPNAR

SETT QNIEPEN ĠODDA

Issa kien wasal iż-żmien meta fil-Kampnar kellhom jitqiegħdu qniepen ġodda. Wara li sar il-ġbir tas-soltu għal dawn il-qniepen, kif ukoll wara li nstabu xi benefatturi, kien jonqos li dawn il-qniepen jiġu ordnati. Din id-darba kien hafama għall-qniepen li kien ilu jagħmel għal għoxrin sena Ġulju Cauchi minn Bormla. Għalhekk, il-Balzanin ma kellhomx jagħmlu ħaġ'oħra jekk mhux li jordnaw il-qniepen għand dan Ġulju.

Mit-tagħrif li għandna, nafu li fl-1890 Ġulju Cauchi ħadem, fil-funderija tiegħu ta' Għajn Dwieli, sett ta' erba' qniepen għal din il-Parroċċa. Nafu wkoll li l-qanpiena l-kbira ta' dan is-sett ġiet tiżen 23 qantar u qamet 2640 skud (1)

Dwar dawn il-qniepen, fil-Ktieb tal-Magħmudijiet tal-Parroċċa nsibu li l-qanpiena l-kbira, magħmula fil-funderija ta' Ġulju Cauchi, ġiet ikkonsagrata mill-Arċisqof Mons. Pietru Pace nhar is-27 ta' Settembru 1890 quddiem il-parruċċani kollha. Insibu wkoll miktub li din il-qanpiena saret bil-kontribuzzjonijiet tal-poplu u biż-żelu tal-Kappillan Dun Ġużepp Salnitro u tal-prokuraturi Dun Ġwann Sarreo DD., is-Sur Pietru Pawl Frendo, l-illustrissmu Konti Franġisk Manduca, is-Sur Nikol Bonello u s-Saċerdot Alessandru Cortis DD. (2)

Minn dan jidher li l-qniepen ma kenux lesti kollha f'daqqa, u jkompli juri dan il fatt li fl-istess ktieb fuq imsemmi nsibu li: "Nhar it-8 ta' Frar 1891 il-Kanoniku Kantur tal-Kattidral, Mons. Ġużeppi Mercieca, Vigarju Ġenerali, ġie bħala delegat ta' Monsinjur Arċisqof biex jikkonsagra t-tliet qniepen li tlestew wara (l-ewwel waħda)." (3)


SETT QNIEPEN PACCARD

Wara biss tletin sena li l-Kampnar gawda l-qniepen ta' Ġulju Cauchi, reġa' beda jinħass il-bżonn li mill-ġdid dawn il-qniepen jinbidlu u jsir sett ġdid.

Fl-1919 iltaqa' Kumitat biex jaħseb għal sett qniepen. Il-Kumitat kien iffurmat minn dawn is-sinjuri: Ġużeppi Vassallo, in-Nutar Luigi Gauci Forno, Luigi Briffa, Salvatore Pisani, Salvatore Debono, Fredu Camilleri, Carmelo Muscat, Mikiel Micallef, Carmelo Pisani, Vincenzo Brincat, Ġużeppi Sammut u Francesco Sammut. Dan il-Kumitat ħaseb biex jordna dawn il-qniepen lid-Ditta Paccard ta' Annecy, fi Franza, kif ukoll għamel ħiltu biex jakkwista l-mezzi biex dawn il-qniepen jitħallsu. Nafu li tnejn mill-ħames qniepen il-qodma nbiegħu waħda lill-Kunvent u l-oħra lill-Knisja ta' San Ġiljan. L-oħrajn ġew imkissra għall-bronz u nbiegħu lid-Ditta Paccard. Inżammet biss dik il-qanpiena li llum nafuha bħala "it-tielet", jew kif hi magħrufa wkoll "ix-xiħa". Din il-qanpiena ġġib l-isem: Annunzjata. (4)

Il-qniepen waslu Malta fil-bidu ta' Marzu 1925, u ġew imtellgħa mix-Xatt nhar il-Ħadd 15 ta' Marzu fuq żewġ karrijiet wieħed tas-Sur Carmelo Giordimaina u l-ieħor tas-Sur Lippu Sammut.

SILTIET MILL-ISTORJA TA' HAL BALZAN
Tiftix u kitba ta'
DUN ĠWANN DIMECH



Il-qanpiena magħrufa bħala "ix-xiħa", u li tiġi t-tielet waħda tas-sett preżenti. Inħadmet f'Malta fil-fonderija ta' Ġulju Cauchi. Din il-qanpiena tagħti l-aħbar tal-mewt ta' xi ħadd mill-Parroċċa.

L-Arċisqof ta' Malta, Mons. Dom Mauro Caruana, bierek dan is-sett qniepen nhar il-Ħamis 19 ta' Marzu 1925. Dawn il-qniepen iġibu l-ismijiet ta' Annunzjata (2100 Kilo), Ġużeppina (1472 Kilo), Valentina (851 Kilo), u Giovanna D'Arco (628 Kilo). Din il-funzjoni saret quddiem il-Kappillan Dun F.S. Zahra, il-membri tal-Kumitat, il-parrinijiet tal-qniepen Sir Ugo Mifsud, is-Sur Cassar Torreggiani, is-Sur Salv Zammit Hammet u s-Sur Meme' Scicluna, kif ukoll quddiem il-poplu Balzani kollu, entużjast li jara x-xewqa tiegħu mitmuma. (5)

IL-QANPIENA L-KBIRA

Holma tal-Balzanin issir realta': dan il-parroċċa rnexxielha jkollha fil-Kampnar tagħha t-tielet mill-akbar qniepen li hawn f'Malta, qanpiena li tiżen 55 qantar u nofs.

Il-ġbir biex tiġi akkwistata din il-qanpiena ġie mħabbar mill-Kappillan Franġisk Saverju Zahra fil-festa ta' San Valentinu tal-1947. Il-Balzanin, sodisfatti mir-riżultati li ta s-sett qniepen maħdum fil-funderija tad-Ditta Paccard,



Il-Qanpiena l-Kbira ta' Ħal Balzan, li tiġi t-tielet waħda mill-akbar qniepen ta' Malta, tiżen 55 qantar u nofs u swiet £2,400. Inħadmet mid-ditta Paccard ta' Annecy, fi Franza, fl-1948 u ttellgħet fil-Kampnar nhar it-2 ta' Jannar, 1949.

ħasbu biex din il-qanpiena tiġi ordnata hemmhekk ukoll. Għall-ġbir ta' mezzi biex tiġi akkwistata din il-qanpiena, daħal b'ruħu u ġismu s-Sur Valentinu Muscat, is-surmast tar-raħal. Fost il-benefatturi, ta' min isemmi lil Lady Strickland u l-Konti Manduca Piscopo Macedonia Zamitt. Is-surmastrijiet tal-mużika Paolo Nani, Ġużeppi Schembri u Mallia Pulverenti ddeċidew li n-nota tal-qanpiena kellha tkun "sol". Is-sinjuri Salvu Brincat, Antonio Ebejer u Joseph Borg marru jaraw il-disinji tal-qanpiena għand id-Ditta. Il-Kanonku Dun Spiridione Sammut għamel armi fuq il-ġebel bħala forom li kellhom jitqiegħdu fuq il-qanpiena.


Il-qanpiena waslet Malta nhar it-Tlieta, 23 ta' Novembru 1948, fuq il-vapur Terpsicore. Inġiebet Ħal Balzan nhar il-Ħadd, 28 ta' Novembru, fuq trakk armat minn Salvatore Vassallo.

L-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi bierek din il-qanpiena nhar is-Sibt, 1 ta' Jannar 1949. Ta' min isemmi lil Mikiel Micallef, is-sagristan, Ġużeppi Sammut, Karmnu Zarb u Mikiel Micallef li l-għada, il-Ħadd, ħadu l-inkarigu biex itellgħu fil-Kampnar tal-Parroċċa. (6)

REFERENZI

1. Castagna: Storja ta' Malta, Vol. III p. 152.
2. Ark. Parr.: Lib. Bapt. V, p. 48.
3. Ibid. Cit. p. 51.
4. Anton: HAL BALZAN Nru. 10.
5. Muscat Valentino: Hal BALZAN Nru. 24.
6. Fenech Anthony: HAL BALZAN Nru. 14.

LUCY MALLIA
GROCERY
76, BALZAN SQUARE,
BALZAN



SOMBRERO
VICTOR
BAKERY & CONFECTIONERY, PASTIZZERIA
FOR ALL OCCASIONS
215, VALLEY ROAD, B'KARA.
TEL. 41457.

DUN GORG PRECA

U L-ANNUNZJAZZJONI

NISTHAJJEL LI L-QARREJJA KOLLHA TA' DIN IL-GAZZETTA JAFU LI AKTAR KMIENI DIN IS-SENA NFETAĦ UFFIĊJALMENT IL-PROĊESS TAL-KAWŻA TA' BEATIFIKAZZJONI TAS-SERV TA' ALLA DUN ĠORĠ PRECA, FUNDATUR TAS-SOĊJETA' TAD-DUTTRINA NISRANIJA (M.U.S.E.U.M.).

Għall-okkażjoni tal-festa tal-Lunzjata, li qed tiġi ċċelebrata f'Ħal Balzan dan ix-xahar, tħajjarna niktbu fuq Dun Ġorġ u d-devozzjoni kbira tiegħu lejn il-misteru għażiż tat-Tħabbira tal-Mulej, jew kif ħafna minna jsibuh, il-Lunzjata.

KITBA TA'

JOHN FORMOSA

L-ewwelnett ta' min josserva li d-devozzjoni lejn Marija S.sma hija karatteristika speċjali ta' kull bniedem t'Alla, u Dun Ġorġ m'huwiex eċċezzjoni. Minn studju anki ħafif tal-kitba u tal-priedki tiegħu, malajr wieħed jasal għall-konklużjoni li "Il-Verġni Mbierka" kellha post mill-aktar importanti fil-ħajja ta' dan is-Serv t'Alla. Imma, minħabba l-wisa', hawn se nitkellmu biss mid-devozzjoni ta' Dun Ġorġ lejn il-Madonna fil-misteru ta' l-inkarnazzjoni ta' l-Iben t'Alla.

Mingħajr dubju, it-Tħabbira lil Marija (Luqa 1:26-38) hija fost l-isbaħ episodji li għandna tal-ħajja tal-Madonna. Fiha nilmħu mhux biss il-kobor bla qies ta' l-imħabba ta' Alla lejn il-bnedmin, li ma stmerrx li jsir wieħed minna biex isalvana, imma wkoll il-kobor bla qies ta' Dik li Alla għoġbu jagħżilha b'Ommu vera u naturali. Minħabba f'hekk, dan l-episodju kien wisq f'qalb Dun Ġorġ, li ppriedka u kiteb dwaru tista' tgħid kull darba li tkellem u kiteb fuq Marija — ħaġa li kien jagħmilha ta' spiss. Hekk, ngħidu aħna, fil-Ktieb *Programm Speċjalissimu ta' Marija Santissima* (Progress Press, 1948, p. 29) jikkummenta fuq il-ġrajja tat-tħabbira ta' Marija: *"Ħadd ma jista' jfisser x'ġarrbet fl-ispirtu tagħha Marija, profondissima fl-umiltà tagħha, x'ħin semgħet imqiegħda għaliha dinjità hekk kbira li Alla nnifsu jkun iben veru tagħha, u Hija l-omm tiegħu; omm dejjem superjuri, u iben dejjem suġġett.*

"Meta Alla għażel lil Marija b'Omm ta' l-Iben tiegħu, donnu qiegħed il-limiti għall-omnipotenza tiegħu, għax donnu ma jistax Alla jgħolli iżjed lil Marija meta taha din id-dinjità. Tassew li ħwejjeġ kbar għamel Alla ma' Marija kif hija stess iddikjarat! Tassew li Marija S.sma għandha raġun iżjed mill-bnedmin u mill-anġli kollha li tirringrazzja 'l Alla, li tant ħabbha, li tant unuraha, li tant igglorifikaha!"

Ħafna minna żgur li għadhom jiftakru kif kien jogħxa bil-ferħ Dun Ġorġ meta kien ifissrilna l-effett ta' dak "l-ammirabbli FIAT" li lissnet Marija lill-Anġlu, għax permezz tiegħu *"Alla sar wieħed minna... unur li lanqas l-anġli ma jistgħu jiftaħru bih"* (Cf Episodji ta' San Mikiel, Kap. IX). *"Marija S.sma, bil-kelma tagħha FIAT, għaqqdet l-Infinit malfinit — nilmħu għalhekk l-unur kbir għalina li permezz tagħha Alla sar wieħed mill-aħwa tagħna"* (Skola Kattolika, Lux Press 1945, paġ. 80).



DUN ĠORĠ PRECA (1880-1932), Fundatur tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, M.U.S.E.U.M. Aktar kmieni din is-sena nfetaħ uffiċjalment il-proċess għall-Beatifikazzjoni tiegħu.

It-tħabbira ta' l-Anġlu l-Knisja tfakkarhielna kuljum fit-tokki tal-qanpiena tat-8.00 a.m., nofs in-nhar, u f'inżul ix-xemx. Din id-devozzjoni tar-reċita ta' l-*Angelus* ġiet għal darb'oħra fi żmienna rakkomandata mill-Knisja (Cf. "Marialis Cultus", Eżort. Apost. tal-Papa Pawlu VI, Diċ. 1974). Dun Ġorġ, iben fidil tal-Knisja, kellu wisq għal qalbu din il-prattika, li kien jagħmilha bl-ikbar devozzjoni. Meta kien ikun id-dar, l-Angelus kemm-il darba kien jirreċitah kollu għarkubbtejh, kif inhi d-drawwa fl-Ordni Karmelitan li tiegħu huwa kien Terzjarju. Jekk kien ikun ma' xi ħadd meta jsir il-ħin ta' l-Angelus, araħ jistieden lil dak li jkun biex jirreċitah miegħu. Min qiegħed jikteb huwa xhieda ta' dan. Anzi nista' nżid li l-mod kif huwa kien jagħmel il-ġenuflessjoni sa l-art għall-kelmiet "Et Verbum caro factum est" (U l-Iben t'Alla sar bniedem . . .), b'mod li stajt nisma' t-taħbita ta' rkobbtu ma' l-art, lili tassew impressjonani, aktar u aktar meta ġġib quddiem għajnejk li huwa kien ġa mgħobbi biż-żmien.

Donnu ma kienx kuntent bir-reċita ta' l-Angelus biss. Ħoloq talba, li huwa sejjaħ il-"Gaude Maria Virgo", mill-ewwel kelmiet tagħha bil-Latin, li l-membri tiegħu jgħidu kuljum qabel il-laqgħat tagħhom u f'dawk iċ-ċirkustanzi li jħossu li għandhom isejħu l-għajnuna ta' Marija. Huwa kien igħid li dik it-talba ħadha minn Responsorju li kien qal wieħed agħma li permezz tiegħu l-Madonna kisbitlu l-fejqan bħala prova tal-verità tal-Fidi Kattolika.

Din it-talba, li Dun Ġorġ kien jibda l-laqgħat mal-membri tiegħu nhar t'Erbgħa bilkant tagħha, hija tifħir lil Marija li emmnet għall-kelmiet ta' l-Arkanġlu Gabriel u stħaqqet li ġġib fid-dinja lil Alla magħmul Bniedem, u għalkemm saret Omm, baqgħet dejjem Verġni.

Hemm raġuni qawwija għaliex Dun Ġorġ kien devot kbir ta' dan il-misteru tat-Tħabbira tal-Mulej. Dun Ġorġ kien l-appostlu tas-sentenza għażiża VERBUM DEI CARO FACTUM EST. Fuqha kiteb foljetti li qassamhom bl-eluf, mhux biss bil-Malti, imma wkoll bl-Ingliż u bil-Franċiż (biex insemmu żewġ ilsna li tagħhom ġew f'idejna l-kitba ta' Dun Ġorġ). Kien igħid li dik is-sentenza, li tfakkar l-Inkarnazzjoni ta' l-Iben t'Alla, għandha qawwa kbira lil min jagħtiha qima. Il-festa ta' l-Annunzjazzjoni kienet għal Dun Ġorġ il-festa tal-"Verbum Dei", għax wara kollox kien dak in-nhar li seħħ il-misteru kbir ta' l-Inkarnazzjoni. Minħabba f'hekk huwa kien irid li s-soċji tal-MUSEUM, kull 25 ta' kull xahar (id-data ta' meta nagħmlu l-festa tal-Lunzjata u tal-Milied), is-soċji jagħmlu dak li hu sejjaħ "Kult Verbum Dei", li fih is-soċji jlissnu diversi drabi din is-sentenza għażiża msieħba mal-Gloria Patri b'radd ta' ħajr lil Alla għall-miġja tiegħu fostna.



Il-Kwadru Titulari ta' l-Annunzjazzjoni tal-Bażilka l-antika ta' l-Annunzjata f'Nażaret. Din il-Bażilka kienet inbniet fl-1730.

Dun Ġorġ kien xtaq li jpinġi lill-Madonna b'idejha miftuħa, fl-att li qiegħda taċċetta li tkun Omm Alla, u fuq sidirha hemm il-kelmiet għeżież VERBUM DEI CARO FACTUM EST. Saru żewġ pitturi ta' din il-Madonna taħt id-direzzjoni ta' Dun Ġorġ, waħda mis-Sur Ġużè' Schembri, Segretarju Ġenerali tal-Museum, u l-oħra mill-Kav. Rafel Bonnici Cali'; ta' l-ewwel tinsab fil-Qasam tal-Museum tas-subien tal-Belt, u l-oħra tinsab fil-Qasam tal-Museum ta' Ħal Tarxien.

Mill-episodju tat-Tħabbira ta' l-Anġlu, kif jagħtihulna San Luqa, Dun Ġorġ kien jiġbed tagħlim għoli wisq, mhux biss dwar il-kobor li ma jitfissirx ta' Marija, imma wkoll tagħlim prattiku li jiswa għalina lkoll li ngħoddu ruħna devoti ta' Marija. Fuq l-aħħar kelma ta' Marija lill-Anġlu, "Hawn hi l-qaddejja tal-Mulej . . ." Dun Ġorġ josserva li *"l-ħajja qaddisa qiegħda biss fir-rabta tar-rieda tal-bniedem ma' dik ta' Alla."* (Cf. Ir-Rużarju tal-Madonna mqassam għal Ħmistax-il Sibt. Tip. Museumina, 1932, pp. 10 u 9). J'Alla bħal Marija nkunu "Servi tal-Mulej".

L-ADOLEXXENT
KTIEB ĠDID DWAR IŻ-ŻGĦAŻAGĦ

"...Għan ewlieni tal-ġenituri għandu jkun li jgħinu lil uliedhom jitilgħu nisa w irġiel kapaċi jieħdu pożizzjoni fil-familja u ma jibżgħux mir-responsabbiltà. Problemi bejn l-ulied u l-ġenituri jinqalgħu żgur, anzi gwaj jekk ma jinqalgħux, għax dan ikun aktarx ifisser li t-tifel (jew tifla) baqa' jħares lejn il-ġenituri biex jipproteġuh. Meta jinqalgħu l-problemi wieħed irid jagħraf iħollhom. Nidraw nisimgħu 'l xulxin.

Il-ġenituri u l-ulied għandhom jitkellmu bejniethom, Ħafna jgħaddu sigħat twal fl-istess kamra quddiem it-televiżjoni, mingħajr ma jgħidu kelma. Ikunu tant viċin u fl-istess ħin 'il bogħod ħafna minn xulxin.

Noħolqu djalogu bejnietna. Inħallu l-libertà li ż-żewġ naħat jesprimu rwieħhom u meta jinqala' l-għawġ joffru s-soluzzjonijiet. Li wieħed jiddiskuti ma jfissirx li bilfors se jħoll il-problemi tiegħu, imma jkun qed joħloq ċans li tinstab soluzzjoni kemm jista' jkun milqugħa miż-żewġ naħat."

Is-silta ta' hawn fuq meħuda mill-ktieb **L-Adolexxent** li għadu kif ippubblika **Leonard Grech.** F'dan il-ktieb l-awtur jitkellem fuq iż-żgħażagħ. Jittratta diversi suġġetti ta' interess bħal ma huma:

- ★ is-sess
- ★ l-edukazzjoni sesswali
- ★ il-mara fil-familja
- ★ il-ġenituri u l-ulied
- ★ ir-reliġjon
- ★ il-vjolenza
- ★ il-vandaliżmu
- ★ ix-xogħol.

Jitkellem ukoll dwar l-individwu u s-soċjetà.

Dan huwa ktieb ta' l-akbar interess għall-edukaturi kollha. Il-ġenituri, l-għalliema u kull min jagħmilha maż-żgħażagħ għandu jsib dan il-ktieb mimli tagħrif siewi u suġġerimenti prattiċi.

Jinbiegħ mil-libreriji ewlenin.

SALVU BRINCAT

IRONMONGERY & ELECTRICAL GOODS

175, MAIN STREET,

BALZAN

HAL BALZAN U L-FESTA TAL-LUNZJATA BEJN L-1875 U L-1885

Filwaqt li kont qiegħed inqalleb xi gazzetti qodma fil-Librerija Pubblika l-Belt, iltqajt ma' xi tagħrif tassew interessanti dwar kif kienet issir il-festa titulari tal-Parroċċa ta' Ħal Balzan mitt sena ilu. Għaldaqstant ħsibt biex nippubblikah f'din il-gazzetta biex kemm il-Balzanin u kemm il-barranin ikunu jafu kif kienet issir il-festa tal-Lunzjata. Iżda qabel ma nitkellem fuq il-festa rrid nagħti ftit tagħrif fuq Ħal Balzan ta' mitt sena ilu.

Il-Kappillan ta' Ħal Balzan f'dak iż-żmien kien ir-Rev. Dun G.B. Salnitro. Huwa ġie maħtur Kappillan ta' Ħal Balzan fl-1874, wara li l-Kappillan Micallef ġie maħtur Kanonku tal-Katidral. (1) Il-Kappillan Salnitro baqa' f'din il-kariga sa Diċembru tal-1889, għax fil-ħamsa ta' l-istess xahar ħa l-pussess ta' Kanonku Arċipriet tal-Knisja Katidrali. (2)

Fost il-kleru tal-Parroċċa nsibu lir-Rev. Saċerdoti Dun Andrea Dingli u Dun Anton Psaila. Dun Andrea Dingli ġie maħtur Kappillan tal-Isptar Ċivili f'Ottubru tal-1875 (3) u baqa' f'din il-kariga sa Jannar tal-1887, meta ġie maħtur Arċipriet tal-Knisja Arċipretali tal-Furjana. (4)

minn

WINSTON L. ZAMMIT B.A. (HONS.), M.A.

IL-POPOLAZZJONI

Skond ċensiment meħud fl-1862, il-popolazzjoni ta' Ħal Balzan kienet tlaħħaq 662 ruħ. Sal-1890 il-popolazzjoni kienet telgħet għal 1,070 ruħ. (5) Għaldaqstant fiż-żmien li qegħdin nitkellmu fuqu (1875-1885) l-popolazzjoni żgur li kienet għadha taħt l-elf ruħ. Dak iż-żmien f'Ħal Balzan ma kien hemm ebda każin. Il-knisja parrokkjali għaldaqstant kienet iċ-ċentru ewlieni tar-raħal, u l-Balzanin żgur li kienu jistennew b'ħerqa kbira minn sena għal sena l-festa tal-Lunzjata u ta' San Valentinu.

SKOLA

Skond ir-rapport ta' Keenan, li ġie stampat fl-1879, l-irħula kollha ta' Malta minbarra Ħal Balzan, Ħ'Attard, Paola u Ħal Safi kellhom skola primarja. It-tfal ta' Ħal Balzan u Ħ'Attard kienu jattendu l-iskola fl-Iskola Primarja ta' Ħal-Lija. Keenan irrapporta li għalkemm l-Iskola Primarja ta' Ħal Lija kienet qiegħda f'post ċentrali, għax kienet bieb ma' bieb mal-Palazz ta' Sant'Anton u b'hekk setgħet tiġi milħuqa mit-tfal tat-tliet irħula, madankollu huwa kien favur li kemm Ħal Balzan u kemm Ħ'Attard ikollhom l-iskola tagħhom. Iżda dak li rrikkmanda Keenan ma seħħ qatt fil-każ ta' Ħal Balzan. Iżda f'dan iż-żmien (1874) f'Ħal Balzan kien hemm skola privata, u din kienet fil-Kunvent tas-Sorijiet tal-Bon Pastur, u skond l-istess rapport kienet "a boarding and day school". (6)

IL-FERROVIJA

Mingħajr ebda dubju, fatt tassew importanti fl-istorja ċivili ta' Ħal Balzan f'dan il-perijodu kienet il-ferrovija. Il-ferrovija ġiet inawgurata fit-28 ta' Frar 1883, u kienet taħdem bejn il-Belt u l-Imdina, u fir-rotta tagħha kienet tgħaddi mil-limiti tal-Parroċċa ta' Ħal Balzan. Il-miġja tal-ferrovija kienet tfisser li għall-Balzanin kienu tjiebu sewwa l-mezzi ta' komunikazzjoni. (7)

Maestro Dr. Paolo Nani (1814-1904), kompożitur ċelebri ta' mużika sagra, kif ukoll ta' mużika lirika u klassika. Huwa kkompona l-Antifona famuża 'Spiritus Sanctus' fl-1875.

FESTA TAL-LUNZJATA

Niġu issa għall-festa titulari tal-Lunzjata. Mingħajr ebda dubju, din il-festa kienet ħadet spinta sewwa 'l quddiem fl-1868, meta saret il-vara artistika u devota tal-Lunzjata minn Salvu Dimech. Fil-perijodu li qegħdin nitkellmu fuqu (1875-1885) il-festa kompliet ħadet spinta 'l quddiem, mhux biss għax żdiedu l-funzjonijiet iżda wkoll għax saru diversi opri ġodda.

1875

F'din is-sena, skond il-gazzetta "Fede ed Azione", il-festa ġiet iċċelebrata b'pompa mhux tas-soltu. Mill-istess gazzetta nafu li l-funzjonijiet tal-festa kienu dawn: Primi Vespri lejlet il-festa, Matutin u Quddiesa Kantata bil-paneġierku nhar il-festa filgħodu, u Sekondi Vespri u Purċissjoni nhar il-festa filgħaxija. Il-funzjonijiet kollha msemmija tmexxew mill-Kanonku Kapitulari Dun Licino Micallef, ex-kappillan tal-Parroċċa, filwaqt li l-paneġierku sar mill-Kappillan Salnitro. Il-mużika matul il-funzjonijiet kollha kienet tas-Surmastrijiet Nani, jiġifieri Dr. Paolo u ibnu Antonio. Fl-okkażjoni tal-festa ta' din is-sena (1875), l-imsemmi Paolo Nani żanżan antifona ġdida, "Spiritus Sanctus", li hija l-għaxqa tal-Balzanin kollha, u li llum tindaqq fl-aħħar Tridu u fil-Quddiesa Kantata ta' nhar il-festa. Billi f'dak iż-żmien il-faqar kien kbir, fl-okkażjoni tal-festa żewġ aħwa Balzanin ħadu ħsieb li jqassmu kwantità ta' ħobż lill-foqra tar-raħal. (8)

1876

F'din is-sena sar għall-ewwel darba tridu predikat qabel il-festa. Il-predikaturi kienu l-Kappillan G.B. Salnitro, Dun Pawl Mallia minn Birkirkara, u Dun Andrea Dingli minn Ħal Balzan. Il-funzjonijiet ewlenin tal-festa, inkluża l-purċissjoni, tmexxew mir-Rev.mu Monsinjur Konti Salvu Manduca, Protonotarju Appostoliku. Il-paneġierku sar mir-Rev. Kanonku Dun Manwel Debono, Kantur tal-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu. Il-mużika kienet tas-Surmastrijiet Nani.

1877

F'din is-sena, il-predikaturi tat-tridu kienu l-imsemmi Kappillan Salnitro, Dun Anton Psaila minn Ħal Balzan, u Dun Karm Pirotta minn Birkirkara. Il-funzjonjiet tal-festa tmexxew mill-Kanonku Penitenzier Dun Ġwann Ebejer, filwaqt li l-paneġierku sar mill-Kanonku Arċipriet tal-Katidral Dun Vincenz Magri.

It-toroq tar-raħal kienu mżejna bil-fjuri u bil-bnadar, u daqqew diversi baned. Kien hemm ukoll il-logħob tan-nar li rnexxa. F'din is-sena wkoll kellhom opra ġdida xi jżanżnu. Dan kien it-Tużell ta' fuq l-artal maġġur, xogħol ta' Salvu Grixti minn Ħal Balzan stess. (10)

1880

Ftit huwa t-tagħrif li għandna fuq il-festa ta' din is-sena. Il-paneġierku sar mill-Penitenzier tal-Katidral Dun Ġwann Ebejer, filwaqt li l-mużika bħas-soltu kienet tas-Surmastrijiet Nani. (11)

1883

F'din is-sena l-paneġierku tal-Lunzjata sar mill-Kanonku tal-Katidral Dun Salv Gaffiero. Il-funzjonijiet tal-festa tmexxew mill-Kantur tal-Katidral Dun Vinċenz Magri, u l-mużika kienet tas-Surmastrijiet Nani. (12)

1885

Fl-okkażjoni tal-festa tal-Lunzjata, Dr. Gioacchino Frendo, li kien joqgħod il-Furjana, irregala lill-knisja tmien brazzi tal-fidda għall-pedestall tal-vara tal-Lunzjata, u xi ornamenti oħra tal-fidda biex bihom jiksu l-messal li kien jinġarr fil-purċissjoni. (13)

---

(1) L'Ordine, 27 ta' Awissu 1874. Il-Kappillan Micallef ħa l-pussess ta' Kanonku tal-Katidral f'Awissu tal-1874. Huwa miet fl-20 ta' Ottubru 1886 fl-età ta' 66 sena, u ġie midfun fil-Katidral. (La Voce di Malta, 23 ta' Ottubru 1886).

(2) Il Portafoglio Maltese, 2 ta' Diċembru 1889.

(3) L'Ordine, 14 ta' Ottubru 1875

(4) Il Portafoglio Maltese, 24 ta' Jannar 1887.

(5) A. Guillaumier, "Bliet u Rħula Maltin" (1972). p. 13.

(6) P.J. Keenan, "Report on the Educational System in Malta" (Dublin 1874), pp.1,44 .

(7) B.L. Rigby, "The Malta Railway" (U.K. 1970), pp. 9,24.

(8) Fede ed Azione, 14 ta' April 1875.

(9) Ibid. 29 ta' Marzu 1876.

(10) Ibid. 14 ta' April 1877.

(11) L'Amico del Popolo, 13 ta' April 1880.

(12) Ibid. 6 ta' April 1883.

(13) Fede ed Azione, 21 ta' Marzu 1885.

GRECH'S LIMITED

97, NAXXAR ROAD, BALZAN
154, ST. SEBASTIAN STREET, QORMI
Telephone: 27685




Suppliers of first class bathroom tiles in different styles and designs. General material for use in the building industry.
PRICES TO SUIT ALL POCKETS

Sole Agents for "HADRIAN" and "SYNFLAT" Plastic Emulsion Paint.
Specialises in: • Luxurious Bathrooms — English and continental style • Stainless Steel Sinks of all sizes.


EL GRECO STUDIO

6, POPE URBANUS VIII STREET, BALZAN

FOR FINE PAINTINGS ON CANVAS
LANDSCAPES, PORTRAITS, AND MALTA SCENES.



NAZARET



"IL-WARDA TAL-GALILEA"

Għalina Nsara, Nazaret għandha importanza kbira għax kien f'dan ir-raħal ċkejken li beda jseħħ il-misteru ta' l-Inkarnazzjoni. Kien hemm li l-Anġlu ħabbar lil Marija li kellha tkun Omm Alla. Kien hemm li Alla ngħaqad mal-bniedem fil-ġuf purissimu ta' Marija Verġni.

Darba Santa Tereżina tal-Bambin Ġesù kitbet li biex tagħraf lil Ommna Marija sewwa, jeħtieġlek ukoll tagħraf tajjeb ħajjitha; u fost il-ħwejjeġ li jeħtieġlek tagħraf hemm l-art li fiha trabbiet u għexet għal snin twal. Nazaret hi l-art ta' Marija. Kull m'hemm f'Nazaret ifakkarna f'Marija. U Nazaret m'hu xejn mingħajr Marija.

KITBA TA'
PATRI GUIDO SCHEMBRI, O.F.M.

Sa mill-eqdem żminijiet insara, Nażaret kellu seħer kbir għall-Insara. Meta ż-żewġ nisa nobbli Rumani, Santa Pawla u bintha Santa Ewtokja, marru jgħammru f'Betlehem qrib ta' San Ġirolmu, darba minnhom kitbu ittra sabiħa lill-ħabiba tagħhom Marċella. Riedu li din tħalli Ruma u tmur tgħix ħajja qaddisa magħhom. U biex iħajruha sewwa, kitbulha: "Ejja hawn magħna u mbagħad ikollna x-xorti mmorru sa Nażaret u hekk jirnexxilna naraw dak ir-raħal li jsejħulu "il-warda tal-Galilea"."


Tabilħaqq Nażaret hija warda. Warda li tfewwaħ bit-tifkiriet għeżież li toffri lill-Insara. Warda kollha ġmiel tan-natura li ssaħħrek. Warda tħammar bl-imħabba li Alla wera lilna meta Ġesù libes in-natura tagħna f'Marija.

Alla stess ħabb lil Nażaret għax kien hemm li niżel fostna. Hemm Ġesù għex għal żmien twil u għalhekk issejjaħ "Ir-Rabbi ta' Nażaret". U ħafna mill-ewwel Insara tant ħabbew lil Nażaret u kienu jsejħu lilhom infushom "In-Nażaretani".

U Alla tant ħabb lil Nażaret li ried jaħbih mill-għajnejn tad-dinja. Sewwa sew kif għamel ma' Ommu Marija u ma' dawk li jħobb b'imħabba speċjali. L-istorja profana antika qatt ma titħaddet fuq Nażaret! Fl-Antik Testment xejn ma nsibu fuq dan ir-raħal. Lanqas Ġużeppi Flavju, il-magħruf storiku Lhudi li tant ħabb lill-Galilea, ma jagħrafx lil Nażaret. U saħansitra fl-eluf ta' paġni tat-Talmud, il-kitba li titkellem fuq id-drawwiet u l-liġijiet Lhud ta' żmien Kristu, l-isem Nażaret qatt ma jidher.

Imma Nażaret jidħol fil-Vanġeli. Jissemma fil-misteru ta' l-Inkarnazzjoni u fil-ħajja moħbija ta' Ġesù, meta Marija u Ġużeppi reġgħu lura mill-ħarba tagħhom fl-Eġittu. Hemm Ġesù għex għal kważi tletin sena. U jissemma wkoll fil-ħajja pubblika ta' Ġesù meta Hu daħal għal darbtejn fis-sinagoga biex igħallem.

Ir-raħal jinsab f'medda mżerżqa taħt il-quċċata ta' għolja. Din l-għolja ssaltan fuq oqsma



Il-Bażilka l-ġdida ta' Marija Santissima Annunzjata f'Nażaret. Din il-Bażilka, xogħol il-perit Taljan Giovanni Muzio, bdiet tinbena wara l-1955 u ħadet post il-Bażilka l-antika tas-seklu 18.

jsaħħru bi ġmielhom. L-għoljiet għonja bl-istorja tal-qedem, l-għoljiet tal-Galilea, jinsabu mdawrin ma' Nażaret li għalihom qisha s-sultana. Il-witgħa ta' Esdrelon, magħrufa minn dejjem għall-ġmiel u l-istorja tagħha, tinsab taħt ir-raħal.

In-nies tal-post isejħu lil Nażaret "Nazrat", li jfisser "l-Għassiesa". Għax Nażaret qisu "għassiesa", qisu fortizza li tgħasses fuq l-inħawi ta' madwarha.

F'dawn l-aħħar snin, Patri Bellarmino Bagatti O.F.M., Franġiskan għaref u qaddis ta' l-"Istudju Bibliku ta' Ġerusalemm", kixef biċċa sewwa mir-raħal antik. Il-konklużjonijiet tat-tisjib arkeoloġiku li għamel kienu li Nażaret kien raħal prosperu fi żmien il-qedem. In-nies ta' hemm kellhom biex igħixu ħajja komda. Tant kien hemm żebbuġ, għeneb, għasel u frott li Nażaret kien igħin u jitma' lin-nies ta' l-irħula tal-qrib, fosthom Seforis.

Fit-tisjibiet tiegħu, P. Bagatti qabel perfettament mar-Rabbini tal-qedem li kienu jgħidu li Nażaret fiha għasel bir-radam. Qabel ukoll ma' dak li kiteb l-arkeologu Ġermaniż, G. Dalman li Nażaret kellha oqsma mill-iktar fertili. U qabel fl-aħħarnett mal-qawl antik li jgħid "Hu eħfef li titma' armata sħiħa ta' suldati miż-żebbuġ ta' Nażaret milli miż-żebbuġ tal-Lhudija kollha".

Nażaret tqiegħed tifkiriet kbar quddiem għajnejk. Malli toqrob lejn ir-raħal, l-ewwel ma tilmaħ hi l-Bażilika l-ġdida tal-Lunzjata, bażilika li ġiet mibnija ftit tas-snin ilu. Din il-bażilika, tassew sabiħa u solenni, tfakkrek fejn l-Ispirtu s-Santu niżel f'Marija fil-mument ta' l-Inkarnazzjoni.

Mat-tarf tar-raħal hemm "l-għajn tal-Madonna" li fi żmien Marija kienet l-għajn pubblika waħdanija ta' Nazaret. Hemm tradizzjoni li tgħid li l-Arkanġlu Gabriel kien deher hemm għall-ewwel darba lil Marija, qabel ma reġa' kellimha fid-dar ċkejkna tagħha. Hdejn din l-għajn issib il-knisja żgħira ddedikata lill-Madonna li ġiet mibnija mill-Griegi Ortodossi fis-sena 1767.

Wieħed mill-postijiet l-iktar għeżież ta' Nazaret hu s-Sinagoga li għadha teżisti sal-lum. Fiha kienet tmur titlob kull nhar ta' Sibt is-Sagra Familja. San Luqa jitkellem fuq iż-żewġ żjarat li Ġesù għamel lil din is-sinagoga fil-ħajja tiegħu pubblika (kap 4). Luqa jirrakkonta li fl-ewwel mawra Ġesù ġie milqugħ tajjeb mil-Lhud tas-sinagoga, imma fit-tieni żjara ġie maħruġ b'qawwa minnha u meħud lejn preċipizzju biex jiġi mitfugħ minn hemm (dan il-post hu llum imfakkar b'kappella ddedikata lil S. Marija li tinsab madwar mil 'il bogħod mill-qalba tal-belt).

Fl-ewwel sekoli nsara, il-pellegrini kienu jistgħu jaraw il-ktieb li fuqu Ġesù tgħallem l-ittri ta' l-alfabet Lhudi u l-bank li fuqu kien joqgħod bil-qiegħda mat-tfal l-oħra meta kien imur fl-iskola tas-sinagoga. Dawn kienu miżmumin b'għożża kbira fis-sinagoga unika tar-raħal, kif igħidilna wieħed mill-pellegrini tal-belt ta' Piacenza, li kiteb fis-sena 570.

Imbagħad hemm ħafna ħwejjeġ oħra, speċjalment knejjes, fir-raħal ta' Nazaret. Tara s-Suq, il-knisja li tfakkar fil-ħanut ta' San Ġużepp, il-ħafna kunventi u knejjes ta' patrijiet u sorijiet, u ħwejjeġ bħal dawn.

Illum Nazaret hija belt imdaqqsa sewwa. Fiha hemm ħafna Nsara tar-rit Latin u Grieg. Tħaddan ukoll bosta Lhud u Misilmin li issa jinsabu taħt it-tmexxija tal-Gvern Israeljan.

Meta jiena kont f'Nazaret, l-iktar żewġ ħwejjeġ li laqtuni kienu n-natural ħelu tan-nies tal-post u s-sbuħija tal-kampanja tal-qrib. Kemm domt hemm qatt ma ħassejtni mdejjaq u għożżejt kull mument li għaddejt f'dan ir-raħal storiku u għażiż. Jekk ikollok ix-xorti li tasal wasla s'hemm int, tħoss dak li ħassejt jien. Ngħid għalija, naqbel perfettament ma' dak li kitbet Santa Pawla lil ħabibitha Marċella li Nazaret hija "il-Warda tal-Galilea".

Ħajr lil Patri M. Catania O.F.M. għas-self tal-blokki.

TOP SHOP

(Salvu Deguara)

FI TRIQ IL-KBIRA

L-AHJAR HANUT

TAL-GROCER

F'HAL BALZAN

GOMATO HOUSEHOLD GOODS

Prop: PETER PISANI

CHANDELIERS AND SOTTO SPECCHIOS,

SALOTTI TA' BARRA (MILAN)

14, BRARED STREET,

BIRKIRKARA

Telephone: 43662

VITAFOAM

ISEM TA' GARANZIJA

PRODOTTI — SAQQIJIET, IMHADED, CUSHIONS U AFFARIJIET OHRA TAL-FOAM

Irrikorru:

VITAFOAM MALTA LIMITED

Industrial Estate, San Ġwann (B'Kara)

Telephone: 36275/76

IL-KAZIN TAL-BANDA "SAN GABRIEL"

SEHEM IL-KAZIN FIL-FESTA

Fil-bidu ta' dan it-tagħrif storiku kont għedt li l-iskop ewlieni tat-twaqqif tal-Każin 'San Gabriel' kien li jgħin fil-festi esterni ta' Marija Annunzjata, patruna prinċipali tar-raħal tagħna. Għalhekk tajjeb li wieħed jara s-sehem li ta f'dawn il-festi tul il-medda tas-sitta w ħamsin sena li għaddew mit-twaqqif tiegħu.

KITBA TA' VALENTINO MUSCAT

Sa mill-bidu ta' din l-għaqda, fil-każin dejjem insibu membri attivi li jinteressaw ferm ruħhom fil-festi esterni, biex ma ngħidx ukoll interni, tal-festa titulari. Meta wieħed iħares lura, meta l-mużika tal-knisja fil-ġranet tal-festa kienu jieħdu ħsiebha s-sekulari, wieħed mill-membri ta' dan il-każin dam għal bosta snin jieħu ħsieb il-mużika tat-tridu. U jkollna nistqarru li fi żmienu kienu jsiru tridijiet tassew sbieħ li kienu jħennu lil kull min jiġi għalihom. Dan seta' jsir billi dak iż-żmien il-mużika fil-knejjes ma kenitx ristretta kif inhi fi żmienna. F'dawn il-ġranet tat-tridu li qed insemmi, il-knisja kienet tkun mimlija bħal bajda u kienu jiġu bi ħġarhom in-nies ta' l-irħula tal-viċin.

Dan il-membru li fuqu qed nitkellem huwa s-sur Ġużeppi Sammut, li kellu bosta karigi fil-każin tagħna. Huwa seta' jagħmel dawn it-tridijiet sbieħ billi fil-bidu kien imexxih is-sur Annunziato Pullicino, li fiż-żmien kien sagristan tal-knisja u kien jaf il-mużika tas-Surmast Nani bl-amment, u saħansitra kien jaf ukoll fejn kienu merfugħin il-karti tal-mużika ta' Nani. Barra dan ix-xogħol, s-sur Ġużeppi Sammut kemm-il darba ġabar għall-festa u medd idejh fl-armar; kien jaħdem in-nar ta' l-ajru wkoll u ġew snin li l-piż tan-nar waqa' wkoll fuqu. Anke llum, għad li mgħobbi biż-żmien, għadu jinteressa ferm ruħu fil-festa.

La darba semmejna l-logħob tan-nar ta' l-ajru, irrid ngħid ukoll li qabel is-sur Sammut ħa f'idejh dan ix-xogħol kien hemm oħrajn li kienu jaħdmu n-nar. Dawn kienu wkoll membri tal-każin tagħna. Dan il-grupp ta' dilettanti kienu taħt it-treġija ta' Ġużeppi Micallef 'Stellati', li kien ħa ċertifikat f'kompetizzjoni tan-nar meta d-Duka u d-Dukessa ta' York li wara ħa t-tron tar-Renju Unit bħala r-Re Ġorġ VI, inawguraw Duke of York Avenue. Dal-group li semmejt kienu tellgħu kamra tan-nar li damu jgawduha għal bosta snin, iżda diżgrazzjatament din ġiet meqruda misterjożament għax ġiet imtajra matul il-lejl minn persuna jew persuni li baqgħu mhux magħrufa.

Il-każin dejjem ħa ħsieb jarma l-parti ta' fuq tar-raħal, jiġifieri minn ħdejn il-knisja 'l fuq. Ħa ħsieb ukoll li jżejjen bid-dwal il-knisja minn barra, li jagħmel in-nar sew ta' l-ajru kif ukoll ta' l-art, u li jaħseb għall-baned tan-naħa ta' fuq li jieħdu parti fil-jiem tal-festa. Dan dejjem għamlu mill-ġbir middjar kull nhar ta' Ħadd. Il-każin dejjem ħaseb li jsib nies li jidħlu għal dan il-ġbir li jsir minn sitt xhur qabel il-festa. F'dawn l-aħħar snin dan il-ġbir dejjem ħa ħsiebu s-sur Abraham Muscat megħjun minn xi żagħżugħ jew tnejn.

Qabel ma l-każin tagħna kellu l-banda tiegħu, kien jieħu ħsieb jagħmel arbural għall-baned ta' lejlet u nhar il-festa, u llum il-ġurnata jsir arbural għall-banda ta' nhar il-festa li tkun fuq iz-zuntier tal-knisja. Din il-banda hija l-"King's Own" tal-Belt Valletta, li issa ilha tiġi għal bosta snin. Aktar reċenti qed isir arbural ieħor għall-marċ li jsir mill-banda tagħna wara l-purċissjoni.

Għal dak li huwa nar ta' l-ajru, il-każin dejjem ħaseb li jipprovdi l-mezzi biex dan ikun jista' jsir. Isir ġbir middilettanti kull ġimgħa fil-każin u jsir ġbir min-nies tar-raħal li jinteressaw ruħhom f'dan il-qasam. Isiru wkoll xi lotteriji. Għan-nar ta' l-art issir ġabra waħda biss marraħal kollu, u din issir Ħadd qabel il-festa. Dan kollu jieħdu ħsiebu d-dilettanti tal-każin tagħna taħt it-treġija tas-sur Valentino Azzopardi, li rnexxielhom jakkwistaw il-kamra tan-nar, li kien bnielhom is-sur Ġużeppi Scicluna. Din il-kamra tan-nar, li qiegħda aktar viċin ir-raħal mill-oħra li kienet ġiet imtajra ,iġġib l-isem ta' "St. Gabriel Fireworks Factory."

Nagħtu issa daqqa t'għajn, lejn l-armar tal-festa. Nibda biex ngħid li l-armar li kien sab il-każin, dak li jintrama mill-knisja 'l fuq, kien jikkonsisti f'għaxar statwi ta' tmien profeti u żewġ figuri nisa bibliċi, ir-Reġina Ester u Abigail, xogħol l-istatwarju Belti Vincenzo Cremona, l-Anġlu, u l-istatwa ta' Ġuditta, li kollha għadhom f'kundizzjoni tassew tajba billi minn żmien għal żmien jiġu rinnovati u miżbugħin. Kien hemm ukoll kolonni li kienu ferm iżgħar milli huma llum. F'dawn il-kolonni kien jintrama disinn tal-ħadid li llum m'għadux jeżisti.

Fil-ħarġiet ta' qabel ġa għedt xi ħaġa fuq l-armar li sar kemm illu wieqaf il-każin tagħna. Meta sar is-sett ta' għaxar trofej ġew ukoll irranġati l-kolonni li kienu jeżistu. Dawn kabbruhom u għamluhom adattati għall-armar il-ġdid. Wara dan, ħasbu biex għamlu pedestall għall-istatwa ta' Ġuditta, u miegħu wkoll erba'anġli li jintramaw fuq il-mensoli li hemm fil-pedestall. Dawn l-anġli kienu nħadmu għand statwarju minn Ħal Qormi. Il-mejjet Nobbli Konti Bernardo Manduca Piscopo Macedonia Zamitt, li kien President Onorarju tal-każin, kien għamel l-istatwa tal-Papa Alessandru VII għand l-istatwarju Għawdxi l-Kav. Agostino Camilleri P.E.P., K.G.O.S.J. Din l-istatwa għall-ewwel kienet tintrama quddiem il-każin fejn jinsab illum, u wara li l-konti bena l-villa tiegħu fi Triq Sisner hu beda jieħu ħsieb iġib l-armar għal din it-triq u għal Triq San Valentinu u l-Papa Alessandru VII sab ruħu fi Triq San Valentinu jħares lejn il-kunvent tal-Bon Pastur. Dan il-Papa kien ġarrab ħsara kbira meta darba fil-festa kienet għamlet tant xita li rrendietu ma jissewwiex.

Il-konti kien għamel ukoll żewġ anġli u l-pedestalli tagħhom għand l-istess statwarju Għawdxi. Dawn jintramaw fuq iz-zuntier tal-knisja. Mindu saru sal-lum, il-brazzi li għandhom f'idejhom tbiddlu kemm-il darba, u dawk li għandhom illum huma x ogħol is-sur Ġużeppi Calleja fuq disinn sempliċi tas-sur Valentino Muscat. Is-sur Calleja hu membru ta' l-istess każin u x-xogħol ta' dawn il-brazzi għamlu senza interessi. Maż-żmien il-Konti Manduca ħaseb biex għamel sett antarjoli bil-bandalori għaż-żewġ toroq li semmejt, u kien iġib ukoll banda ħdejn il-villa tiegħu.



L-istatwa tal-Papa Alessandru VII, li fi żmienu Ħal Balzan sar Parroċċa għalih. Din l-istatwa saritilha ħsara kbira bix-xita.

Bl-inizjattiva tas-sur Gabriel Caruana, li llum hu l-President tagħna, kienet saret ukoll statwa ta' Malta. Din għadha teżisti, għalkemm ma tintramax regolarment fil-festa tagħna. Kien hemm xi żmien li rajnieha ma' armar ieħor fil-wesgħa ta' ħdejn il-kampnar nhar it-8 ta' Settembru meta l-Kunsill Ċiviku tar-raħal tagħna kien ifakkar dan il-jum storiku.

Id-dawl tal-festi fl-imgħoddi kien isir permezz ta' tazzi taż-żejt, u għalhekk sew il-faċċata tal-knisja kif ukoll it-toroq kienu jiżżejnu b'dan id-dawl. Il-każin kien għalhekk jordna n-numru ta' tazzi meħtieġa mingħand il-kuntrattur li kien jieħu ħsieb jarmahom u jixgħelhom fil-jiem tal-festa. Mid-diversi ritratti qodma li jinsabu għand xi Balzanin jidher li l-faċċata tal-knisja kellha aktar minn disinn wieħed għat-tazzi taż-żejt. Anke z-zuntier skond dawn ir-ritratti kellu arkati tal-ħadid għal dawn it-tazzi. Dawn għadhom jeżistu għad li ma jintramawx. Kien hawn ukoll xi rużuni, xi stilel u xi slaleb tal-kavallieri. Tnejn minn dawn ir-rużuni għadhom jintramaw mal-faċċata tal-knisja u xi stilel għadhom jintramaw mal-ħajt ta' quddiem il-każin tagħna.

Fil-bidu tas-sistema taddawl elettriku, l-inkarigati tal-festa kienu jqabbdu kuntrattur biex jieħu ħsieb iddawl elettriku. Fuq dan issuġġett irrid nagħti kelma ta' tifħir lil dawk li wara li daħal dan id-dawl ħasbuha tant tajjeb li xtraw il-materjal kollu biex idawlu l-knisja minn barra u t-toroq. Ħal Balzan hu wieħed mill-ftit irħula li għandu kull ma jinħtieġ għad-dawl elettriku tal-festa titulari, irrid ngħid cables, festuni, u lampi. Il-faċċata tal-knisja damet għal bosta snin tinxtegħel billi kienu jagħmlu l-bozoz mal-pilastri, il-frontispizju, il-bieb, il-prospettiva, u l-ħadid tat-tieqa. Ta' min igħid ukoll li l-koppla kienet mill-ewwel irħula li bdiet tinxtegħel b'dan id-dawl, iżda mhux kif qed tinxtegħel illum. Dak iż-żmien kienet tinxtegħel mill-gwarniċun 'il fuq. Il-pilastri tal-koppla bdew ukoll jinxtegħlu minn ta' l-ewwel. Illum, bl-inizjattiva tal-każin tagħna u tal-kappillan, il-koppla bil-pilastri għandha armar fiss tal-pajpijiet.

Fis-sena 1952 is-sur Gabriel Caruana deherlu li d-disinn tat-tazzi tal-faċċata tal-knisja seta' jsir bid-dawl elettriku. Hu ħadem u stinka biex ikollu l-mezzi meħtieġa għall-ħolma tiegħu. Għal dan l-iskop kien għamel fiera fejn

● għal paġna 9

REAL LEATHER

BOOTS ... SHOES ... SANDALS ...
BAGS ... BELTS ...

FANTASTIC COLOURS TO CHOOSE FROM
AND MADE-TO-MEASURE (IN ANY SIZE)

ZAMMIT LA ROSA FOOTWEAR LTD.
GOOD SHEPHERD AVENUE, BALZAN

Telephone: 41082

ZOMMU
HAL BALZAN
NADIF

BALZAN BUTCHER SHOP

FALZON BROS.

107, MAIN STREET,

BALZAN

IR-REBĦA

TWANNY DARMANIN

Il-ħsieb li jeqred kull togħma tqarmeċ biex iġibu fix-xejn bħal pupu jiżfen bit-tiġbida ta' l-ispaga, dallam kull kulur ta' fjur ta' l-imħabba, u ċarrat il-beżqa tal- mibegħda kiesħa. Imxejt stordut bħal kelb muġugħ, tlajt taraġ tal-knisja viċin id-dar tiegħi, li donnu ma ried jispiċċa qatt. IL-ĦADD!!! Bix-xemx tilgħab b'subgħajha qalb id-djar, tisreġ biex teqred l-eżistenza tad-dell jitkaxkar, biex jistaħba mid-dawl ta' fil-għodu li għalija kien kisser il-ħolm biex niffaċċja r-realità krudili, ntlaqt bilqiegħda bħal xkora vojta fid-dar tal-ħallieq u b'għajnejja jqallu l-ispazju vojt bejn in-nies, jistennew il-quddiesa tibda.

Ridt nara b'għajnejja l-verità tal-kelma li kien qiegħed ifarrak moħħi bil-ħsibijiet orribbli, imma fl-aħħar, wara l-orgni li kien jintuża għal xi ċerimonja speċjali tfaċċa qalb l-irjus l-oħra l-wiċċ ta' kull nifs ta' ġismi, tempju ta' ġnien immortali, mimli kull kulur tal-qawsalla tiżfen mat-tbissima ta' wiċċha. Kienet m'oħtha! Hadt nifs twil, u għadmi straħ, ikkonfondut bil-viżjoni stampata tal-ħabib igħidli li kienet qiegħda tkellem ieħor. "Imma tgħid veru?", ħsibt u ppruvajt infassal xi risposta lili nnifsi.

Ma għaddewx ħames sekondi mill-ħsieb tiegħi ta' xi tama, meta ġuvni poġġa bilqiegħda ħdejha, u bit-tbissima lejn xulxin, qamu għall-bidu tal-quddiesa. Spiċċat it-tama, u bħal tigra tixxabbat għal xi vittma biex taqta' l-għatx tal-ġuħ, skantajt lejn il-qalb li kienet qasmet l-irbit tal-ktajjen u offrietħom lil bniedem ieħor, u f'bikja maħnuqa ħriġt niġri 'l barra bix-xewqa li ngħatti x-xena tal-logħob tad-destin selvaġġ.

Dlam waqa' mal-passi mħawdin, mingħajr armonija ta' riġlejja, jiżżerżqu mat-triqat, u bin-noti ta' saħta fuq xufftejja, jisħtu d-destin kiefer li miss fuqi, u hekk kif smajt l-arloġġ tal-knisja, li kien kiser il-ħemda, idoqq is-sagħtejn ta' fil-għodu ftaħt il-bieb biex nidħol norqod u sibt lil missieri quddiem wiċċi, li b'daqqa ta' ponn xeħetni minn tuli ma' l-art.

"Fejn mort? Taf li lanqas biex tiekol ma ġejt! U ommok inkwetata għax ħasbet li ġralek xi ħaġa! Mela d-dar ħsibtha xi lukanda? Itlaq, mur, minn quddiemi!" qalli jheżżeż snienu. Tefa d-dawl u telaq igerger fuq biex jorqod. Demgħa kisret il-moviment wieqaf ta' kliem bla ħoss taħt xi forma ta' spjegazzjoni tal-bewsa ta' tradiment fuq ħaruf. B'idejja jtella' it-toqol, il-massakru tal-fdal tiegħi lejn il-mejda ta' l-irqad, bilgrieħi jqattru. Xeni stampati ta' fil-għodu, xhieda l-ħwejjeġ li nsejt inneħħi minn fuqi, u b'għajnejja jisfurzaw żmien qasir ta' talb, b'idejja ggranfati ma' l-imħabba, jispjegaw moviment ta' ħniena flok ix-xofftejn, intlaqt fid-dinja vojta tas-silenzju.

Għalkemm xahrejn għaddew, moħħi ma riedx jidra l-martirju tal-firda faċċola, bla sinjal, il-għala tefgħetni f'qiegħ il-muntanja, qalb xewk ta' l-imrar biex joħnoq l-ħena. Għal xejn ippruvajt nitma' l-ħsieb b'xi attività mżejna, imma l-għeruq taddwiefer ippuntati nifdu l-pass ta' distrazzjoni u qerdu l-pedament dgħajjef sa l-anqas farka. Pass wieħed deher ċar tar-rebħa tal-battalja tal-passat imqabbad ma' delli, kien li nitlaq, ... iva nitlaq darba għal dejjem.

"Titlaq? U fejn sejjer?" qalet ommi hekk kif qagħdet bil-qiegħda b'kulur bajdani jgħatti laħamha.

"Sejjer l-Ingliterra, naħdem ma' kumpannija. Kollox lest. Bħal-lum tmint ijiem għandi nitlaq."

"Imma għala ibni? Hawn ma jonqsok xejn. Jien u missierek dejjem tajniek kull ma xtaqt, sa kemm stajna".

"Naf, naf, ma, imma nixtieq nipprova l-futur tiegħi f'art barranija". Hekk kif mill-fomm b'gidba biss stajt inwaqqaf l-għajta tal-verità mċaħħda mill-unika mara responsabli ta' l-istess forma reali tiegħi. U jien ċaħħadthielha għax stajt niftaħ qalbi bħas-serp jitkaxkar minn qalb is-saqajn jagħti dahru mill-idejn tal-għajnuna.

"Lil missierek għidtlu?" qalet ommi b'leħen baxx.

"Iva, hu qalli biex ngħidlek. Ma, issa toqgħodx tibki! Qalli biex ngħidlek l-aħħar ġurnata, imma ma stajtx inżomm iżjed u kelli ngħidlek".

Waqt li b'subgħajja neħħejt żewġ demgħat li tfaċċaw fuq wiċċha: "Għandi xogħol tajjeb hemm, l-ikel u l-irqad kollox imħallas, ser inkunu fuq 300 ruħ, u hemm x'uħud nafhom".

Ftit kliem intqal għall-pass li kont ser inwettaq waqt li l-arloġġ immarka t-tluq tal-firda, għax kienu jafu li xejn ma kien ser jibdilli fehmti, waqt li bi sforz kbir stampaw tbissima ħelwa, jistennew l-għajta tal-wasla ta' l-ajruplan li kont sejjer miegħu.

"Għandek kollox sew?" qal missieri b'ħarsa miksura.

"Iva, pa", irrispondejtu wara pawsa.

"Xejn ma ngħidlek, ibni, oqgħod bil-għaqal u tinsiex tiktbilna".

Hekk kif idejja żelqu l-għafsa kiesħa ta' idejh irtogħdu għax ommi b'wiċċ aħmar ileqq ta' bikja stampata, bħal tifla ta' sentejn għax tkun qatgħet subgħajha, b'tgħannieqa goffa firditna.

"Iktbilna!!" qalet waqt li wiċċha ħakk ma' tiegħi wara bewsa twila.

"Iva, ma, imma toqgħodx tibki, lanqas li sejjer għall-gwerra". Ippruvajt b'xi mod insabbarha. B'ħarsa lejn missieri ta' ringrazzjament meta ħelisni mit-toqol ta' martu bla raġuni, fiż-żmien barranin mifruda mit-tul ta' binha, arloġġ prezzjuż li kien ser jaħbat ma' idejn barranin, mifruda mit-tul ta' għajnejha, bla ma tilħaq biex tgħin, tħenn, iċċanfar bħażżmien li tar magħqud biss mat-tifkira u l-memorja. L-istess laqgħuni ħuti, il-firda biss bkew, ma setgħux jifhmu li ridt ninsa darba għal dejjem kull ħaġa li kienet tfakkarni fis-sena u nofs ta' **ġenna li għaddejt magħha.**

"Sejjer", għidtilhom, imma ħadd ma tkellem bħal tjur ibbalzmati........

L-GHOXRIN PASS

JOE VELLA

Kien is-sajf. Bħal f'kull ġurnata oħra sajfija, is-sħana kienet qiegħda tagħmel tagħha. Il-jum kien il-Ħadd, s'intendi jum ta' mistrieħ mix-xogħol kontinwu tal-ġimgħa, u għalhekk eluf ta' nies imorru l-baħar. Kulħadd għall-istess skop. Biex igħum. Biex igħum? Kull min qiegħed hemm f'dik il-bajja qiegħed jiddeverti, jixxala, iżda mhux hekk wieħed żagħżugħ.

John għax hekk kien jismu ġie sabiex iqatta' ftit sigħat waħdu, hemm taħt blata kennija mix-xemx Maltija. X'qiegħed jagħmel? Donnu ħosbien? Problemi tażżgħażagħ. Biss tajjeb li nkunu nafu billi nidħlu fi ħsiebu ... ... Oqgħod!

Imma għaliex jien, għaliex jien? Le ma jistax ikun, din bluha tiegħi. Le, mhux bluha. Fissazzjoni. U bluha u fissazzjoni mhux l-istess? Imma lil ħadd ma ngħid. Jien ma nafda ma' ħadd. Fuq kollox ħbieb ftit li xejn għandi ...... iva, Robert. Le, mhux Robert. U dak jista' jgħinni, dak l-anqas ideja ma għandu. Iżda jien kapaċi, iva kapaċi nsib soluzzjoni. Jien irrid niddeċiedi. Imma meta se niddeċiedi? Ili kważi tliet xhur sejjer hekk. Alla tiegħi, nitolbok, għinni.

U l-mamà, il-bieraħ? Indunat. Għidli ibni x'għandek jinkwetak? Forsi x-xogħol, jew Edith? Edith! Edith! Imma għaliex? Imma jien ...... Aħħ! Qbadtek taħt idejja. Qtiltek. Qtiltek għax weġġajtni, xrobtli demmi, erdajtni, li kien għalik qtiltni int. Iddeċidejt li noqtlok. Iddeċidejt? Mela kapaċi niddeċiedi. Iva kapaċi ...... Hemm fuq is-Santwarju tal-Mellieħa. Storja sabiħa. Min jaf kemm għaddiet minn qtiegħ il-qalb Iżda għadha sħiħa, iva, għax il-mexxejja tagħha kienu kapaċi jiddeċiedu. Marku Falzun bniedem kbir. Qalbieni. Ma tax każ għall-għajdut li ntqalu kontrieħ. Kellu l-verità fih. Ried juriha b'xi mod. Fl-aħħar iddeċieda li juriha. Iddeċieda. Għax kien ħaqqu. Kien ħaqqu. Jien ukoll għax, għax ...... Iżda hemm bżonn ta' deċiżjoni malajr. Malajr kemm jista' jkun. Nixtieq, imma? Ġifa! Minn xiex qiegħed tibża? Le, m'iniex qiegħed nibża'. Għadni ma sibtx soluzzjoni. Le, is-soluzzjoni sibtha għax kieku m'iniex inċert mill-...... Naħrab issa stess; immur ma nidhirx aktar; naħrab, naħrab. Tlaqt. Imbagħad? Fejn se mmur? Għal fejn se naħrab? Ma sraqtx, ma qtiltx, m'iniex imfittex mill-pulizija. Dawk it-tnejn, dawk ċerti. Iżda hu mhux jitbissem. Forsi??? Ġifa, iddeċiedi għax jiġrilek bħali. Inħossni ngħir għalih. X'għandu aħjar minni? Il-wiċċ? Le, il-wiċċ mhux kollox. Karattru huwa li jiġbed karattru. Tiegħi ...... imdejjaq. U ta' kuxjenza? Kuxjenza! Min hi din il-kuxjenza? Forsi l-jien tiegħi? Jista' jkun. Il-jien tiegħi u l-kuxjenza. Ħaġa waħda; Jien.

Bniedem imdejjaq. Waħdi, waħdi. Qiegħed fis-soċjetà. Soċjetà? Soċjetà ta' ħażen. Soċjetà maqsuma f'miljuni ta' opinjonijiet, ta' vizzjijiet, ta' faċċoliżmu f'min taħsbu qaddis, maż-żina f'min suppost jagħti l-eżempju. Maddinja li tridek tkun matur u hi m'hijiex. Ma' mibegħda f'min suppost ħabbejt.

Mibegħda !Iva mibegħda ...... Le mhix mibegħda? Mhix imħabba. Mela x'inhi? Soluzzjoni u deċiżjoni. Iva deċiżjoni. Ngħidilha l-lejla, iva anzi issa. Imma hi tħobbni, imma jien le ma nħobbhiex. Le, le, le, Edith ma n......... iżda ma nasalx. Għala se tħallini tul ħajti hekk?


Malta! Araha bħalissa mitlufa fix-xalar, divertiment, daħk, ferħ, briju. Mument li għalihom huwa ta' sodisfazzjon ... Sodisfazzjon? Għalihom! Iżda għalija? ... Disperazzjoni, disperazzjoni, iva disperazzjoni. Arahom sejrin, għaddiet il-ġurnata, ħomor nar.

Dana x'ħoss hu?... "Ħares
hej ... Waqgħatlek".
"Grazzi! Ħamsin ċenteżmu,
mhux ċajt."
"Ħares, int kemm għandek
żmien?"
"Ħmistax-il sena."
"Ara qiegħed tara hom dawk
il-passi?"
"Dawk?... Iva."
"Taf kemm hemm?"
"Jien naf! u qed ngħid
x'fastidju tawk dawk il-
passi?"
" Inti għoddhom."
"Wieħed, tnejn, tlieta,
erbgħa ...... Ħmistax".
"Iieqaf, taf x'ifisser il-
ħmistax-il pass?... Fjur!"
"Sittax".
"Mirja mżellġa "
"Sbatax."
"Xewqat."
"Tmintax."
"Libertà."
"Dsatax."
"Tmiem il-fjur."
"Isma', xbin......"

"Dik hija ħajti ...Hawn, hawn fejn sejjer ... Ħa ngħidlek l-għoxrin, l-għoxrin ... Ar'hemm, ara x'se tagħmel ar'hemm ... Qalb ħażina. Għalfejn? Għalfejn għaffġu? Għoxrin sena ilu twieldet mingħajr deċiżjoni. laqgħetha għax ħasbet li se tkun waħda mis-sisien tas-soċjetà ... Iżda ma kinetx taf li din it-tarbija ... il-passi għabu? ... Ħajja b'futur indeċiż. Iva din it-tarbija twieldet mingħajr deċiżjoni.

TE TETLEY

kull tea bag mimlija bit-tjubija tat-te



Minn kull Tetley Tea Bag toħroġ minn tnejn sa tlett kikkri te kark u bnin.

F'kull Tetley Tea Bag għandek taħlita ta' l-aqwa tejiet tad-dinja biex jagħtuk togħma ta' te bnina u friska.

Kull meta tixrob te ixrob Tetley Tea.



Agenti Ewlenin: **Charles Darmanin & Co. Ltd.** *Cempel 24310*

Ibagħtu l-kitbiet tagħkom f'dan l-indirizz:—

"HAL BALZAN"
c/o Każin tal-Banda
'San Gabriel',
Ħal Balzan.

ANTIQUE JEWELLERY

ALFRED BUSUTTIL

GOLD, SILVER ARTICLES, PRECIOUS STONES,
E.P.N.S. ARTICLES, WATCHES.

449, FLEUR DE LYS ROAD, B'KARA. TEL. 42246

F'EGHLUQ L-GHOXRIN SENA MILL-

FESTI CENTINARJI TAL-QALB TA' GESU'

Tagħrif miġbur minn Carmel Bezzina B.A.

FESTA DEVOTA U MILL-AKTAR GĦAŻIŻA GĦALINA L-INSARA HIJA L-FESTA TAL-QALB IMQADDSA TA' ĠESU'. DIN TIĠI ĊĊELEBRATA FIX-XAHAR TA' ĠUNJU, LI HUWA X-XAHAR LI L-KNISJA TIDDEDIKA B'MOD SPEĊJALI LIL DIN IL-QALB LI TANT HABBET LILL-BNEDMIN.

Is-sena 1956, għoxrin sena ilu, kienet waħda mis-snin ċentinarji għal din il-festa, billi fit-23 ta' Awwissu tal-1856, mitt sena qabel, il-Papa Piju IX, wara talba ta' l-isqfijiet Franċiżi, waqqaf il-festa tal-Qalb ta' Ġesù mal-Knisja kollha. Għalhekk, f'egħluq l-ewwel ċentinarju, saru festi speċjali. Hawn Malta, bl-approvazzjoni ta' l-Eċċ Tiegħu Rev.ma Mons. Arċisqof, ġie ffurmat kumitat għall-okkażjoni sabiex iħejji festi xierqa, u ħafna parroċċi u għaqdiet organizzaw festi speċjali.

Hal Balzan ma baqax lura li jorganizza programm ta' attivitajiet u juri huwa wkoll li l-Balzanin għandhom mixgħula f'qalbhom id-devozzjoni lejn il-Qalb Santissma ta' Ġesù. Il-festi ċentinarji fetħu fil-parroċċa tagħna nhar is-Sibt, 16 ta' Ġunju, b'Ora Santa ppriedkata fil-11.00 p.m. li spiċċat b'quddiesa letta bil-fervorin minn Dun Ġużepp Zammit Lic.D., prokuratur tal-festa tal-Qalb ta' Ġesù.

Laqgħa għall-beraħ


Il-Ħadd 17 ta' Ġunju, fid-9.30 a.m., saret il-Konsagrazzjoni tal-familji lill-Qalb ta' Ġesù fid-djar tal-parroċċa. Fis-7.00 p.m. imbagħad saret laqgħa għall-beraħ f'Villa Macedonia, ġentilment misluf a mill-mejjet il-Wisq Nobbli Konti Bernardo Manduca Piscopo Macedonia Zamitt. F'din il-laqgħa tkellem Patri Emvin Busuttil S.J. fuq "Il-Konsagrazzjoni tagħna lill-Qalb ta' Ġesù". Intwerew ukoll żewġ 'tableaux vivants' fuq l-istess suġġett tad-diskors. Il-kant ġie esegwit mis-soċje u aspiranti taċ-Ċirkolu ta' l-Azzjoni Kattolika "Regina Pacis" tal-parroċċa.

Nhar it-Tnejn 18 ta' Ġunju, fis-7.00 p.m., sar ir-Rużarju quddiem Ġesù Sagramentat espost u wara l-Benedizzjoni, fis-7.30 p.m., saret konferenza bil-filmstrip fuq il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù fil-Pjazza tal-Parroċċa.

Akkademja

L-għada, it-Tlieta 19 ta' Ġunju, saret fis-6.30 p.m. Akkademja ad unur tal-Qalb Imqaddsa taħt il-presidenza ta' l-Eċċ. Tiegħu Rev.ma. Mons. Emm. Galea, D.D., B.Litt., J.C.D., Isqof ta' Tralles u Vigarju Ġenerali. Fiha tkellmu Patri Maurice Eminyan S.J. u r-Rev.mu Mons. Ant. Cilia, D.D., B.L.Can., B.A., Direttur Nazzjonali ta' l-Opri Pontifiċji Missjunarji. Hadu sehem l-Orkestra u l-Kor "Isouard" immexxijin mis-Surmast Carmelo Pace, F.L.C.M., L.R.S.M.

L-Erbgħa, il-Ħamis u l-Ġimgħa kienu jiem ta' tħejjija b'intenzjoni għal kull ġurnata. L-intenzjonijiet kienu għat-tfal, għaż-żgħażagħ, u għall-ġenituri tal-parroċċa rispettivament. F'kull waħda minn dawn it-tlett ijiem kien hemm quddiesa kantata bl-espożizzjoni fis-7.00 a.m., u fis-7.00 p.m. kien hemm Ora Santa ppriedkata, kuljum bi predikatur differenti. L-Erbgħa tkellem Patri Andrea Vella Ph.D., O.P. fuq "Qalb ta' Ġesù, ħajja u qawmien tagħna"; il-Ħamis tkellem Dun Wistin Azzopardi S.S.P. bis-suġġett "Qalb ta' Ġesù, mimlija b'kull virtù"; fil-waqt li l-Ġimgħa l-predikatur kien Dun Lawrenz Zammit, B.A., Lic.D., li dak iż-żmien kien Arċipriet ta' Ħaż-Żebbuġ, dwar "Qalb ta' Ġesù, Huġġieġa ta' Mħabba".



VILLA MACEDONIA, fi Triq Sisner, kif kienet tintrama għall-festa tal-Qalb ta' Ġesù.

Jum il-Morda

Nhar is-Sibt, 23 ta' Ġunju, kien jum iddedikat għall-morda tal-parroċċa. Fit-8.00 a.m. saret quddiesa letta bl-espożizzjoni għall-morda minn Mons. M. Azzopardi, S.Th.B., Assistent Ekklezjastiku Ġenerali ta' l-Azzjoni Kattolika Maltija, li kellem lill-morda qabel it-tqarbin. Matul il-ġurnata kollha kien hemm konfessuri barranin għall-qrar. Fis-7.00 p.m. sar l-għasar, ir-Rużarju bl-espożizzjoni u l-Benedizzjoni Sagramentali.

Il-Ħadd, 24 ta' Ġunju, jum il-festa, l-intenzjoni kienet għas-saċerdoti tal-parroċċa. Is-Santissmu Sagrament ġie espost fl-4.30 a.m. meta bdiet l-ewwel quddiesa. Fis-6.00 a.m. tkantaw il-matutin u l-lawdi; fil-waqt li fl-9.45 a.m. kien hemm il-kant tat-terza u Quddiesa Kantata Solenni. Min-12.30 p.m. sat-3.30 p.m. saret l-adorazzjoni kull nofs siegħa mid-diversi fergħat tal-għaqdiet reliġjużi tal-parroċċa.

Purċissjoni Ewkaristika

Fl-4.00 p.m. sar l-għasar solenni bil-mużika tas-Surmast tal-Kappella, Mro. Paolo Nani, immexxi mir-Rev.mu Kapitlu tal-Bażilka u Kolleġġjata ta' Birkirkara. Patri Bonaventura Fiorini, O.F.M.Conv., niseġ il-paneġierku, u wara ħarġet il-Purċissjoni Ewkaristika li tmexxiet mill-istess Kapitlu. Tul il-purċissjoni ngħatat il-Benedizzjoni għand is-Sorijiet Franġiskani Missjunarji ta' Marija u f'Villa Macedonia. Wara d-dħul tal-purċissjoni, sar it-tiġdid ta' l-Att tal-Konsagrazzjoni lill-Qalb Divina, tkanta Te Deum ta' radd il-ħajr u wara l-Benedizzjoni Sagramentali. Fil-purċissjoni ħadu sehem l-għaqdiet kollha tal-parroċċa bl-istandardi tagħhom, kif ukoll it-tfal ta' Stella Maris School u ta' l-Istitut tal-Bon Pastur.

MARBLE STONE INDUSTRY

Sculptor: JOHN SAMMUT

DEALER OF ALTARS, TOMBS, MONUMENTS, ETC.

AT VERY MODERATE PRICES

CALL AT:

190, FLEUR-DE-LYS ROAD
BIRKIRKARA

OR:

"GLORIOSA", BORG STREET,
FLEUR-DE-LYS, BIRKIRKARA.
Tel. No. 41072

RINGRAZZJAMENT

Nirringrazzjaw lil dawk kollha — kontributuri ta' reklami, kittieba, u dawk li b'tant paċenzja jqassmu l-gazzetta fid-djar — li taw is-sehem tagħhom biex ħareġ dan il-għadd speċjali ta' din il-gazzetta.

Il-Bord Editorjali.

IL-KAŻIN TAL-BANDA 'SAN GABRIEL'

● minn paġna 7

il-villa tal-konti li fiha ħadet sehem il-banda tagħna li daqqet għall-ewwel darba. Kienet is-sena li semmejt meta dan id-disinn inxtegħel bid-dawl elettriku għall-ewwel darba, u wara baqa' jintrama f'kull festa tar-raħal. Ir-ritratt ta' dad-disinn naħseb li ġera mad-dinja kollha billi bosta u bosta huma t-turisti li żaru r-raħal tagħna fil-jiem tal-festa u ħadu ritratti tiegħu. Kien is-sur Caruana wkoll li ħa ħsieb il-brazzi għad-dawl elettriku li jintramaw fil-kolonni.

Il-każin għandu wkoll il-festuni li jintramaw fit-toroq. Ma' dawn il-każin dejjem ħa ħsieb li jagħmel il-liedna li tkompli żżejjen it-triq. Kien hemm xi żmien li ma' din il-liedna kienu jagħmlu armi tondi tad-drapp li maż-żmien qdiemu u ma ntramawx iżjed, kif ma ntramax iżjed ukoll is-sett ta' sitt pavaljuni żgħar li kien fihom l-Angelus. Kienet saret kuruna li kienet inħadmet mis-sur Abraham Muscat fuq disinn tas-sur Luigi Ebejer, iżda meta beda jinxtegħel id-disinn tal-faċċata din ma baqgħetx tintrama. Biss iż-żewġ kolonni kbar li fuqhom kien ikun hemm l-ark u l-kuruna sabulhom post ieħor u għadhom jitgawdew fil-festa tagħna.

Fl-1969 iċċelebrajna t-tielet ċentinarju tal-bini tal-knisja u l-ewwel ċentinarju tal-vara ta' Marija Annunzjata. Għal din l-okkażjoni l-każin ried jagħmel xi ħaġa mhux tas-soltu. It-triq ta' quddiem il-knisja, minbarra l-armar tas-soltu, kienu sarulha fanali ta' diversi lwien. Billi din intgħoġbot, għas-snin ta' wara bejn il-festuni tal-liedna kienu saru disinni tal-karti. L-ewwel disinn intrama għal sentejn wara xulxin, u għas-sena ta' wara sar ieħor li ntrama wkoll għal sentejn. Dawn iż-żewġ disinni tal-karti għamilhom is-sur Calcedonio Micallef il-Viċi-President tal-każin. Wara dawn ħsibna biex nagħmlu xi ħaġa li sservi għal żmien twil, u hekk saru l-pavaljuni tad-drapp b'soprapavaljuni ppitturati. Din il-ħolma seħħet, u dawn il-pavaljuni żżanżnu fl-1974. Dan is-sett fih għaxar pavaljuni u tnejn oħra ftit iżgħar. Dawn il-pavaljuni biddlu għal kollox f'dehra ferm isbaħ minn ta' qabel it-triq ta' quddiem il-knisja.

Għal din is-sena qed isir sett ta' tmien pavaljuni oħra differenti għal kollox minn dawk tat-Triq il-Kbira. Dawn huma xogħol fuq il-kartun u se jintramaw erbgħa fi Triq San Valentinu u erbgħa fi Triq Sisner. Id-disinn u l-pittura huma xogħol is-sur Freddie Muscat. Għal din is-sena wkoll sar karru għoli tal-pajpijiet tal-ħadid li se jintuża għall-armar tat-toroq, u hemm il-ħsieb ukoll li jintuża biex jintrama d-disinn tal-faċċata. Dan il-karru ħadmuh is-sinjuri Joseph Calleja u Benny Pace it-tnejn membri tal-każin. Minn dan li għedna, jidher kemm il-membri tal-Każin 'San Gabriel' kellhom minn dejjem u għad għandhom għal qalbhom il-festa ta' Marija Annunzjata, patruna tar-raħal tagħna.

VALLEY BUTCHER

JOHN PULLICINO

121, VALLEY ROAD, BALZAN

FOR FIRST CLASS MEAT

AND SERVICE

Telephone: 42066

AKTAR PAVALJUNI MILL-KAZIN 'MARIJA ANNUNZJATA'

Intervista mas-sur Charles Chetcuti, Segretarju tal-Każin.

*** Sur Chetcuti, meta u kif beda l-ħsieb li jsiru dawn il-pavaljuni?**

Peress li aħna l-Balzanin bdejna niċċelebraw il-festa ta' Marija Annunzjata fis-sajf dawn l-aħħar sentejn, jiena bħala segretarju sejjaħt seduta tal-kumitat tal-Każin 'Marija Annunzjata' li fiha esprimejt ruħi li nixtieq li nibdew nagħmlu xi ħaġa tad-drapp, peress li t-toroq m'għadhomx jippermettu armar baxx minħabba t-traffiku, u l-kumitat kollu qabel li nimxu fuq din l-ideja u għamilna programm tax-xogħol tad-drapp.

*** Sentejn ilu kontu żanżantu sett ta' pavaljuni għal Triq il-Kbira u s-sena li għaddiet sett ta' bandalori. Hemm xi konnessjoni bejn dawn u l-pavaljuni ta' din is-sena?**

Veru li aħna żanżanna sett pavaljuni sentejn ilu u s-sena li għaddiet komplejna bix-xogħol ta' sett bandalori, li huma parti mill-programm li konna fassalna meta jiena ġieni l-ħsieb li nimxu fuq xogħol tad-drapp. Biss, is-sett ta' pavaljuni li sejrin inżanżnu din is-sena nħadmu bi stil modern u differenti mill-oħrajn li għamilna qabel.

*** F'liema toroq se jintramaw dawn il-pavaljuni l-ġodda?**

Dawn il-pavaljuni ġodda se jiġu armati fi Triq it-Tliet Knejjes u Triq Providenza. Se jkunu jikkonsistu f'ħames pavaljuni li jiġu armati fi Triq it-Tliet Knejjes u sitta fi Triq Providenza.

*** Min ħa ħsieb ix-xogħol ta' dawn il-pavaljuni?**

Għandi l-unur u s-sodisfazzjon li ngħid li x-xogħol u d-disinn ta' dawn il-pavaljuni sar mill-President tal-Każin, is-sur Pawlu Grima, megħjun mis-sinjura tiegħu Carmen, b'sagrifiċċju kbir. U ta' dan għandi nirringrazzjah mill-fond ta' qalbi peress li dawn il-pavaljuni fihom ix-xogħol u għalhekk kellu jissagrifika ruħu sabiex rajna din l-opra tiġi mwettqa.

*** Kien hemm xi nies oħrajn li għenu lis-sur Pawlu Grima f'dan ix-xogħol?**

Għandi ngħarrfek li dan ix-xogħol tal-pavaljuni sar kollu mill-President u s-sinjura tiegħu.

*** Tista' tgħidilna xi ħaġa dwar kif inġabru l-fondi għal dawn il-pavaljuni l-ġodda?**

B'sodisfazzjon kbir ngħid li l-ġbir tal-fondi għal dawn il-pavaljuni sar mill-Kaxxier tal-Każin tagħna, is-sur Freddie Barbara. Dan il-ġbir sar billi l-Kaxxier kellu biċċa xogħol ta' tisqif ta' wiċċ, billi darba fil-ġimgħa jżur 'il dawk in-nies li wegħduh li jagħtu xi ħaġa fil-ġimgħa għall-ispejjeż ta' dawn il-pavaljuni.

*** X'taħseb li se tkun ir-reazzjoni tal-Balzanin għal dawn il-pavaljuni?**

Jiena nispera li r-reazzjoni għal dawn il-pavaljuni tkun tajba, bħalma kienet tajba għax-xogħol li diġa' għamilna. Jiena flimkien mal-kumitat inħossuna kburin bix-xogħol li qiegħed isir għall-unur ta' Marija Annunzjata, u għaldaqstant nirringrazzja lil dawk il-benefatturi li kkontribwew għal din l-opra.

*** Għandkom xi pjanijiet oħra dwar armar ġdid għall-ġejjieni?**

Pjanijiet għandna x'nagħmlu għax il-festa, bħad-dar, dejjem trid u ma tispiċċa qatt. Iżda jiena ma għandix dritt li nwiegħed mingħajr approvazzjoni tal-kumitat. Biss, fit-toroq minn fejn tgħaddi *l*-purċissjoni għad jonqos xi xogħol u nispera li jsir ukoll.

ITTRI LILL-EDITUR

IL-BALAVOSTRI FUQ IL-BEJT TAL-KNISJA

Sur Editur,

Ippermettili ftit tal-wisa' biex nirrispondi lil Dr. P. Cassar fuq il-kumment li għamel fuq il-balavostri, għax fl-opinjoni tiegħu l-knisja tagħna fis-sobrjetà tagħha ma tippermettix li jkollha l-balavostri. Jiena bir-rispett kollu nikkumpatih, għax Dr. Cassar huwa tabib u mhux perit jew xi arkitett, u per konsegwenza ma huwiex kompetenti fil-materja arkitettonika; allura inutli li joqgħod jipprova jiddefendi l-opinjoni.

Tant huwa veru l-eżempju li ġibtlu rigward il-balavostri fuq il-palazzi sobriji ta' Verdala u Selmun, li l-arkitett li ddisinjahom xorta waħda għamilhom il-balavostri biex jinkuruna u jiffinalizza l-opra arkitettonika. Dr. Cassar qal li l-balavostri saru biex jipproteġu lil min jitla' fuq il-bejt. Hawn lil Dr. Cassar irrid ngħidlu li ħa verament falza stikka għaliex spara mingħajr ma mmira. Ir-raġuni hija li minn taħt l-balavostri sa fuq il-bejt hemm xi 7 piedi fond, għalhekk min jitla' fuq il-bejt ta' dawn il-palazzi msemmija huwa ġa protett minn dan il-fond; mela mhux funzjonalment loġiku, kif qal Dr. Cassar, li l-balavostri għamilhom biex jipproteġi lil min jitla' fuq il-bejt, imma huma ornament arkitettoniku biex jiffinalizza l-opra.

Raġuni oħra li ġab Dr. Cassar u li naraha tassew bla sens hija meta qal li l-knisja tagħna ma fihiex bejt imma biss saqaf. Sa fejn naf jien, il-knejjes kollha minn ġewwa fihom is-saqaf u fuq is-saqaf hemm il-bejt, u naturalment fejn ma hemmx saqaf ma hemmx bejt. Inħossni redikolu jekk nirrispondi għal din id-domanda, għax din hija domanda pwerili.

Dr. Cassar jidhirlu wkoll li l-knisja m'għandhiex tintmess. B'dak li se nagħmlu m'aħniex se nnaqqsu xi ħaġa mill-knisja, imma se nżidulha l-kuruna li jonqosha tal-balavostri biex tipparallelizza mal-kampnar kif ikkompara tajjeb is-sur Rafel Bonnici Cali'.

Dr. Casasr qal li ma nafux x'ideja kellu l-arkitett li ddisinja l-knisja. Veru li ma rajniehx id-disinn. Għalhekk Dr. Cassar ħa l-parti negattiva; pero' lili ma jistax jimpedini li nieħu l-parti pożittiva. U ta' din, jekk għadu jiftakar Dr. Cassar, jiena tajt diversi raġunijiet konkreti fuq bażi arkitettonika fuq il-ħarġiet ta' **HAL BALZAN**.

Nixtieq li jifhimha darba għal dejjem Dr. Cassar li hawn Malta hawn bosta knejjes li huma kompliti bl-apramorta, min lixxa u min bil-balavostri; per eżempju, il-Knisja Kolleġġjata ta' Birkirkara, dik taż-Żejtun, il-Katidral, tan-Naxaxr, ta' San Pawl tar-Rabat, ta' San Duminku, u ħafna oħrajn. Kont semmejt ukoll diversi knejjes monumentali bħal San Pietru ta' Ruma u anke Santa Maria Maggiore, u oħrajn.

Jiena jidhirli li fi kwistjoni bħal din m'għandix noqgħod fuq opinjoni ta' tabib imma noqgħod fuq bord ta' periti li fl-esperjenza professjonali tagħhom taw il-verdett unanimu, u kollha qablu li l-apramorta bil-balavostri fuq il-knisja tagħna tista' ssir, anzi rrikmandaw li għandha ssir flimkien mal-gastri li jaqblu ma' tal-kampnar.

Balzan. Kan. Spir. Sammut.


FESTA F'HAL BALZAN AD UNUR TA' L-ISQOF PACE

minn Winston L. Zammit B.A. (Hons.), M.A.

Fid-9 ta' April 1911, l-Isqof Pietru Pace, li kellu d-dar tal-villeġġjatura f'Ħal Balzan, għalaq tmenin sena. Għaldaqstant il-Balzanin ħasbu biex jagħmlulu festa fir-raħal tagħhom b'tifkira ta' din l-okkażjoni.

Ġie għalhekk maħtur kumitat taħt it-tmexxija tal-Konti Manduca, u ġie wkoll deċiż li din il-festa ssir nhar il-Ħadd 21 ta' Mejju. Għal din l-okkażjoni, il-knisja parrokkjali tal-Lunzjata kienet imżejna qisu kienet il-festa titulari. Ġew ukoll imżejna l-pjazza, it-toroq u d-djar privati.

Nhar il-21 ta' Mejju, fis-sebgħa ta' fil-għodu, l-Isqof mar fil-knisja parrokkjali tal-



Id-dar fejn kien joqgħod Mons. Isqof Pietru Pace f'Misraħ Hal Balzan.

Lunzjata, fejn ġie milqugħ mill-Kappillan Dun Mabbli Sisner u mill-kleru. L-Isqof Pace qaddes quddiesa letta li fiha qarben ħafna nies, u wara ntona t-Te Deum.

Fl-erbgħa u nofs ta' wara nofs in-nhar, wara l-funzjoni tal-knisja, il-Kappillan Sisner, il-Konti Manduca, il-kleru u numru kbir ta' nies marru sad-dar ta' l-Isqof Pace fl-istess raħal. Hemmhekk inqralu diskors ta' l-okkażjoni, li għalih irrisponda Mons. Pace. Imbagħad waslet il-banda ta' l-Istitut ta' San Ġużepp, u d-Direttur ta' l-Istitut Dun Ġorġ Bugeja qralu diskors ieħor.

Waslet imbagħad il-banda "Pinto" ta' Ħal Qormi. Il-bandisti kienu lebsin l-uniformi, u fost l-istandardi kellhom standard ġdid ta' Malta bl-arma ta' l-Isqof Pace fuqu. L-Isqof Pace daħħal il-banda biex iddoqq ġewwa s-sala tad-dar u berkilha l-istandrd il-ġdid, u wara, flimkien ma' dawk ta' qabilhom, stieden lill-bandisti għat-trattament.

Għall-ħabta tad-disgħa, telgħet fuq il-palk biex iddoqq il-banda "Duke of Connaught" ta' Birkirkara. Kien hemm preżenti folla kbira ta' nies, għax kienu ġew anki nies mill-irħula viċini għal din il-festa, u baqgħu sakemm spiċċa l-logħob tan-nar.

Din il-festa spiċċat wara l-ħdax ta' bil-lejl fost l-għajjat ta' 'Viva Mons, Pace'.

———

Riferenza:

"Malta e Sue Dipendenze" 22 ta' Mejju 1911.

———

Ħajr lis-sur Ġ. Azzopardi għas-self tal-blokk.

ID-DITTA

FARRUGIA ENTERPRISES

108, NAXXAR ROAD, BALZAN
U
55, MATER BONI CONSILII STREET, ZEJTUN

Qiegħda toffri SKONT SPEĊJALI għal waqt it-TRADE FAIR fuq LINEF, BRAZZI, FANALI, STATWI, MINJATURI, INKWADRI, MIRJA, MOBBLI, u SALOTTI NDURATI TA' BARRA, EĊĊ.

Għalhekk ipprofitta ruħek minn din l-okkażjoni u asal wasla sa

STAND NUMRU E.53 B

jew sal-ħwienet tagħhom.

KERAMIT

BUILDERS' AND PLUMBERS' MERCHANTS

Fejn issibu: Banjijiet kuluriti, Friskaturi tal-Wiċċ, W.C., Żebgħa ta' l-ilma. u madum ikkulurit.

4, OLD CHURCH STREET, B'KARA

Telephone: 42336

MUSCAT FLORA

POPE ALEXANDER JUNCTION
BALZAN TEL. 42479

Din id-Ditta hija Fergħa tal-GIARDINO ALLEGRA ta' Catania

MUSCAT FLORA PET SHOPS

18, TRIQ BRITANNIA, VALLETTA
Telephone: 27512

Infornukom bi kwalunkwe pjanti u siġar ornamentali, basal u żrieragħ tal-fjuri u tal-ħxejjex, demel artifiċjali, terriċċju, insettiċidi, pompi u b'kulma huwa meħtieġ għall-ġonna u l-qsari, saħansitra kotba ta' tagħlim fuq il-ġonna u l-Pets tagħkom.

BEJNIETNA N-NISA

IT-TRIQ TA' L-IMHABBA

Dan l-aħħar, waqt waħda mill-konferenzi li jsiru għall-għarajjes, qamet il-kwestjoni ta' min għandu d-dritt jieħu d-deċiżjonijiet fil-familja. Il-parti l-kbira tal-koppji qablu li kull deċiżjoni importanti għandha tittieħed mit-tnejn flimkien — il-mara u r-raġel. Iżda kien hemm xi ġuvintur li qalu li kull deċiżjoni għandha tittieħed mir-raġel, għaliex hu l-kap tal-familja.

Dan hu problema li l-Counsellors jiltaqgħu miegħu ta' spiss fix-xogħol tagħhom — problema li jekk ma jiġix mistħarreġ sewwa jista' jwassal għal ħafna ġlied fil-familji u anki għal separazzjonijiet.

Fiż-żwieġ hemm żewġ toroq li nistgħu nagħżlu — it-triq taddritt legali u t-triq ta' l-imħabba. Il-liġi ċivili tgħid li r-raġel għandu d-dritt ta' deċiżjonijiet, bħal, ngħidu aħna, jekk il-mara trid toqgħod Ħal Balzan u r-raġel irid joqgħod il-Mellieħa, ir-raġel jirbaħ u l-mara trid tmur fejn jgħid ir-raġel. Iżda dan hu l-mod li tnejn li verament jinħabbu għandhom jimxu bih?

Kif għidna drabi oħra, illum il-mara emanċipat ruħha u ħadet post aktar xieraq fis-soċjetà, minkejja li f'ċerti oqsma dan il-post għadu ma ġiex rikonoxxut mil-liġi. Il-mara, għalhekk, m'hix lesta li taċċetta s-soċjetà patrijarkali ta' l-imgħoddi. Dan ma jfissirx li għandha tieħu r-riedni f'idejha, iżda tixtieq li tieħu parti responsabbli fil-ħajja miżżewġa.

Meta mara u r-raġel jiżżewġu, dawn għandhom ikunu lesti biex jaqsmu flimkien f'kollox, u m'hux ir-raġel ikun l-arġużin u l-mara sservi mad-daqqa tal-frosta tiegħu. Din m'hix l-imħabba vera, li għandha twassal lil tnejn miżżewġin li jifhmu li kull bniedem għandu d-dritt għad-dinjità tiegħu.

Meta koppja tiġi biex tieħu deċiżjoni trid tifhem li qatt ma hemm risposta ħafifa għall-problemi żgħar jew kbar li jinqalgħu fil-ħajja miżżewġa, u li kull deċiżjoni se tolqot b'xi mod lit-tnejn flimkien. Għalhekk ikun xieraq li tittieħed mit-tnejn flimkien.

Meta tiġi diskussa xi problema bejn tnejn miżżewġin, dawn għandhom ikollhom moħħ miftuħ, u jħarsu biss lejn l-interessi tal-familja tagħhom. Qatt ma tista' ssir deċiżjoni għaqlija jekk xi waħda miż-żewġ naħat għandha xi preġudizzju, jew trid togħġob lil xi ħadd li m'hux fil-familja — bħal, per eżempju l-ġenituri ta' wieħed jew l-oħra, xi zijiet jew xi ħbieb. Dan jitlob sinċerità u nuqqas ta' egoiżmu. B'hekk biss tista' tinstab soluzzjoni li magħha jistgħu jgħixu t-tnejn.

Fi żwieġ li għandu bħala bażi l-veru mħabba, għal kull problema li jinqala' hemm deċiżjoni ta' mħabba li aktar tkompli ssaħħaħ iż-żwieġ. Ma ninsewx li min tassew iħobb, il-pjaċir tiegħu huwa li jagħti kull ma jista' lil dak jew dik li tħobb. Tnejn li tassew jinħabbu ma jidħlux għaż-żwieġ moħħhom x'se jieħdu miż-żwieġ, iżda x'se jagħtu liż-żwieġ. Aktar ma jixtiequ jagħtu, aktar jinħabbu u aktar jirnexxi ż-żwieġ tagħhom. L-egoiżmu ma jagħmilx parti mill-imħabba veru. Min huwa egoist iħobb lilu nnifsu u m'hux lil martu.

Mela, fejn hemm il-vera mħabba, qatt m'għandha tinqala' l-kwistjoni ta' min għandu dritt jew m'għandux. Jekk din il-kwistjoni tinqala', nistgħu ngħidu li ż-żwieġ ikun fi kriżi u li ftit ikun baqagħlu ħajja.

Doris Spiteri.

MILL UFFIĊĊJU PARROKKJALI

Imgħammdin ġodda

Marc-Anthony Borg Olivier, bin Frederick u Marisa.
Valerie Borg, bint Charles u Eileen.
Caroline Camilleri, bint Anthony u Magdalen.

Iżżewġu fl-imħabba nisranija

Anthony Mangion u Margaret Xuereb.
Nicholas Muscat u Margaret Muscat.
Joseph Camilleri u Mary Cilia.
Conrad Watton u Josephine Schembri.
Jimmy Briffa u Marthese Darmanin.
John-Mary Muscat u Doris Mallia.

Mietu fil-paċi tal-Mulej

Ġuża Mallia.
Marija Borg.

CORDINA HALL
CARMEL STREET, BIRKIRKARA
TINKERA GĦAT-TIĠIJIET, ENGAGEMENTS, U KULL OKKAŻJONI OĦRA.
Aħsbu kmieni għall-Booking.
Tel: 42093, 40183, 22254
Jew applikaw għand:
F. CORDINA & SONS
CORDINA SHOWROOM
Bishop Labini Street, Birkirkara

GHALINA Ż-ŻGĦAŻAGĦ

Wasalna fi żmien li kull Balzani għandu biex jifraħ, waqt li jipprepara, inaddaf u jiżbogħ biex jilqa' b'sens frisk u ġdid il-festa tar-raħal, raħal li għalkemm żgħir jaf jagħti għajnuna jew diżappunt.

Ikollna l-marċijiet li dan l-aħħar żmien qegħdin jibbrillaw f'dak li huwa briju, u f'għaqda għan-nies li jieħdu sehem, kemm ukoll min jarahom.

Mill-banda l-oħra, id-diżappunt hu li forsi ma hawnx għaqda biżżejjed bejn il-Każini li jorganizzaw il-festa. Ir-raġuni ma rridux inkunu nafuha, imma kull ma nixtiequ ngħidu fuq dan is-suġġett hu li ħafna huma dawk iż-żgħażagħ li jmorru għal kull marċ li jkun organizzat u wisq jimpurtahom x'inhi d-differenza. Imorru bil-ħsieb li jifirħu u jferrħu lil ta' madwarhom, u fuq dan nammirawhom u nħeġġuhom biex jibqgħu jagħmlu hekk, biex forsi jingħaqad iċ-ċoff ta' festa unita minn kull aspett.

Aħna, għan-nom tar-Rokna taż-Żgħażagħ Balzanin, għalkemm huma berdin biex jagħtu l-opinjoni tagħhom fuq kull ħaġa li jixtiequ huma, nawgurawlhom il-festa t-tajba, mimlija ferħ, briju u risq.

Saħħa.
Twanny u Pawlu.

ITTRI LILL-EDITUR

FRA ĠUŻEPPI ZAMMIT M.D.

Sur Editur,

L-ewwel kittieb, li naf bih jiena, li jsemmi l-eżistenza ta' kwadru li juri lil Dr. Ġ. Zammit fil-Bibljoteka Pubblika, huwa Achille Ferris fl-1881. A.A. Caruana qal l-istess ħaġa għall-ħabta ta' l-aħħar tas-seklu li għadda (Ferris, A. Memorie dell'inclito Ordine Gerosolimitano, Malta, 1881, p. 200; Caruana, A.A. The Royal Public Library of Malta, bla data, bla lok ta' pubblikazzjoni, p. 5). Ferris iżid igħid li l-kwadru ta' Zammit kellu skrizzjoni bil-Latin li kienet tfakkar l-għotja ta' kotba li kienet saret minnu fl-1687 a.nat.c. L-eżistenza ta' dan ir-ritratt bl-iskrizzjoni taħtu nikkonfermaha jiena billi jiena ili midħla tal-Bibljoteka minn mindu kont student il-Liċejo madwar sebgħa u erbgħin sena ilu.

Meta bdejt il-kors ta' tabib jiena ħadt interess fil-ħajja ta' Fra. Ġ. Zammit u kont ikkuppjajt din l-iskrizzjoni u għamilt **sketch** tar-ritratt li miegħu kienet imwaħħla u li jiena ppubblikajt (**Hal Balzan,** Mejju/Ġunju 1972). Din l-iskrizzjoni, ma' oħrajn li kienu mwaħħla taħt il-kwadri li għad hemm fil-Bibljoteka, illum ma għadhiex teżisti billi kienet tneħħiet ma' l-oħrajn xi ħamsa u għoxrin sena ilu.

